Ħarġa nru. 27 – Ġunju 2009

# SPORTIV

Magażin Sportiv ta' kull xahar

B'XEJN mal-orizzont



## Intervista

Mark Cutajar, Direttur Sportiv KOM, p26

## Powerboats



Jory u Ciantar jisirqu x-xena, p50

## Futbol

It-tim nazzjonali Malti jġarrab żewġ telfiet fi spazju ta' ftit jiem, p10






# Malta tirbaħ 21 midalja f'Ċipru

# Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar tal-Ewropa

KMS • ASM • POWERBOATS • WATERPOLO • WELLNESS NEWS • ŻWIEMEL • FORMULA 1 • REGATTA • GOZO SPORTS • BASKETBALL • YFA

THE WESTIN DRAGONARA RESORT Malta
IRBAĦ WESTIN WEEKEND BREAK


campina
YAZOO
milkdrink
campina
YAZOO
milkdrink
campina
YAZOO
milkdrink
476ml (500g) e
The fun
of growing!



Ġunju

Beda l-istaġun sajfi u dan iġib miegħu tip ta' sport differenti minn dak xitwi. L-aktar favorit fost il-Maltin huwa l-waterpolo, iżda mhux biss, b'Aaron Ciantar jiddistingwi ruħu fid-dixxiplina tal-Powerboats, id-dilettanti żdidilhom sport ieħor biex isegwu mill-qrib.

Intant ix-xahar beda bil-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar li saru f'Ċipru. Il-midalji ma waslux kif xtaqna. Kellna diversi ċirkostanzi li żammew lil uħud mill-atleti tagħna milli joffru l-aħjar tagħhom. Kien hemm kritika u waslet ukoll il-ġustifikazzjoni. Fallejna jew qegħdin nibnu għall-futur? Tkun xi tkun it-tweġiba, fadlilna ħafna x'naħdmu biex nilħqu t-tragwardi mixtieqa. Issa l-attenzjoni ddur fuq il-Logħob tal-Mediterran li se jsiru f'Pescara. Nawguraw kurraġġ lill-atleti tagħna, fattur li għandu jwassal għal prestazzjonijiet tajba.

Finalment nawgura s-sajf u l-btajjel it-tajba lill-qarrejja kollha ta' SPORTIV.

Björn Vassallo - Editur



Jekk tixtieq tixtri Back Issues ta' SPORTIV għandek iċċempel fuq 25900263 jew tibgħat email fuq sportivmalta@yahoo.com u tniżżel id-dettalji neċċessarji.






CHOOSE
ACCURACY
T90 LASER
available in September
ORDER YOURS NOW
from an Urban Jungle near you
SLIEMA X 2
ST.JULIANS (PARK TOWERS)
ST.GEORGES BAY
VALLETTA X 2
UNIVERSITY
MOSTA
B'KARA
BUGIBBA
FGURA
GOZO
URBAN JUNGLE
www.urbanjunglestore.com
NIKEFOOTBALL.COM








SPORTIV

# Werrej

Ħarġa nru 27
SPORTIV
Magażin Sportiv ta' kull xahar

**Ippubblikat minn Zen Publishing**
'Bapu' Triq is-Sejjieħ, Swieqi
Tel: 27200233 Fax: 2123 8313

Pubblikaturi
Norman Darmanin Demajo
Paul Falzon

Editur
Björn Vassallo
bjorn.vassallo@yahoo.com

Riklamar
Claudia Cutajar
sportivmalta@yahoo.com

Disinn
Zen Grafiks

Ritratti
Stephen Gatt

Cover - Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar (KOM)
It-Tim tan-Nisa tal-Basketball

UNION PRINT CO. LTD
SPORTIV stampat fil-Union Print Co. Ltd. Marsa - Malta

**4 Analiżi**
Staġun ġdid

**8 Tim Nazzjonali**
Żewġ telfiet fi spazju ta' ftit jiem għat-tim Malti

**14 UEFA Mini T'ment**
In-nisa Maltin jiksbu riżultati sodisfaċenti

**18 Malta Football Awards**
Failla jirbaħ l-aqwa unur

**24 Kampjonati YFA**
Analiżi taż-żewġ Kampjonati

**26 Intervista**
SPORTIV jitkellem ma' Mark Cutajar dwar l-esperjenza Maltija f'Ċipru

**28 Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar tal-Ewropa**
Malta tirbaħ 21 midalja f'Ċipru

**38 Snooker**
Ħarsa lejn il-kampjonati lokali u l-kompetizzjonijiet Ewropej

**42 Gozo Sports**
Futbol, Żwiemel u Muturi

**44 Basketball**
Informazzjoni dwar in-nurseries u t-taħriġ tal-Basketball għat-tfal

**46 Waterpolo**
Jibda l-Kampjonat tas-Sajf, b'Neptunes u Sliema favoriti

**48 ASM**
Isiru attivitajiet speċjali

**50 Powerboats**
Jory u Ciantar jisirqu x-xena

**53 Target Shooting**
Il-Conventional Pistol

**54 Żwiemel**
Privildge Boy jirbaħ il-Mediterranean Derby tal-galopp

**58 Formula 1**
Vettel jirbaħ l-aħħar GP

**60 Storja tar-Regatta**
Tkompli l-istorja...

**64 Kunsill Malti għall-iSport**
Skema 20/20
Skema suċċess

**87 Wellness News**
Water for life

**88 Kriss-Kross u Spot the Ball**
Irbaħ ma' SPORTIV

Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal l-orizzont fl-aħħar Sibt ta' kull xahar u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkupjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.

# Staġun ġdid, esperjenzi

Kull ħaġa ġdida ġġib entużjażmu ġdid u ħeġġa. Matul dawn il-jiem kulħadd ikun qiegħed jipprepara bis-sħiħ biex fi ftit ġimgħat oħra jżanżan il-libsa l-ġdida, dik imfassla bejn Ġunju u Lulju. Il-partitarji jibdew jistaqsu, fuq il-ġurnali u t-televiżjoni l-ġurnalisti jifthulhom l-aptit u bejn konfermi u għajdut... il-klabbs wieħed wara l-ieħor jibdew iressqu r-reġistrazzjonijiet quddiem l-Assoċjazzjoni u b'hekk iserrħu rashom mill-akkwisti l-ġodda. Iżda dan mhux żmien biss ta' trasferimenti. Dan huwa perijodu fejn kulħadd jimmarka l-għanijiet prinċipali, dawk li f'April jew Mejju jwasslu għall-ferħ jew għad-diżappunt. Xi drabi dawn jintlaħqu, drabi oħra jsiru inkubu u dan l-istaġun li għadu kif intemm kien eżempju ċar. Insomma kulħadd ifassal il-biċċa tiegħu u jipproġetta l-futur. L-akbar uġiegħ ta' ras, u emmnuni li mhux nivvinta, tkun dik finanzjarja, bl-uffiċju tat-teżorier ikun l-aktar wieħed imfittex b'mod frekwenti. Bla dubju, dan ix-xenarju jseħħ f'kull parti tad-dinja, f'kull klabb tal-futbol, kemm jekk kbir u kemm jekk żgħir. Iżda hemm differenza li tifridna, dik kruċjali tad-dħul u l-ħruġ. Sfortunatament f'pajjiżna l-ebda klabb ma jista' jipproġetta d-dħul tiegħu minn qabel l-istaġun, jew jekk dan isir u biex fuqu tkun ipproġettata n-nefqa, żgur li ma jkunx hemm fhiex wieħed jitfixkel. Li jsir ikun ibbażat biss fuq it-tbassir. Sfortunatament f'pajjiżna l-anqas dak li hu dovut lill-klabbs ma jasal kollu. U staġun wara staġun nisimgħu li l-akbar problema hija dik finanzjarja. Nitkellmu, nesprimu opinjonijiet u kif ukoll nippruvaw nattiraw nies ġodda u nvestimenti lejn il-klabbs. Iżda jekk nieħdu dan kollu fil-kuntest ta' dawn l-aħħar snin, mela mingħajr tlaqliq ngħid li d-diska ma nbidlitx u għadha l-istess, neqirdu konna u neqirdu għadna.

F'pajjiżna matul l-aħħar snin kulħadd aċċetta li biex timxi jrid ikollok sisien sodi u hawn fejn jidħol l-aspett tal-*marketing*, għaliex huwa dan biss li






MISTO
cafe • restaurant • venue

# tal-passat







jiggarantilek futur b'saħħtu. B'dan il-mod mill-prodott jinkiseb il-massimu. Iżda fil-futbol dan għadu ma kkonvinċiex biżejjed u donnu għal xi wħud ma jagħmel l-ebda sens jew ma jriduh jagħmel l-ebda sens. Ħafna drabi naċċetta li dawk involuti għadhom moħħhom biss fl-iskwadra, fil-pika mal-avversarji, fis-siġġu u għaldaqstant fihom infushom. Fil-verità kultant nitħasseb dwar x'inhi verament il-prijorità għall-futbol Malti, nitħasseb jekk dawk involuti jafux minn fejn għandna nibdew u liema direzzjoni għandna naqbdu biex id-diska tinbidel. Nidħak meta nara kif nittrattaw lill-klabbs f'pajjiżna. Il-prodott joffruh huma, iżda r-regoli jagħmilhom ħadd ieħor. Il-mistoqsija tiġik waħedha... tgħid ma jridux jafu, kuntenti hekk, mhux jaraw opportunitajiet li jistgħu jisfruttaw??? Aktar ma nsir midħla tal-futbol Malti, aktar ninduna kemm din l-imbierka logħba tal-ballun hija kumplessa ferm aktar mid-90 minuta. Xi drabi tkun nadifa u tidħaklek, f'oħrajn tagħtik il-gambetti u tiddiżappuntak bil-kbir.

U f'Awwissu nibdew nilagħbu iżda nibdew ukoll inħokku rasna u nippruvaw inħufu 'l hemm u 'l hawn forsi tasal lira żejda. Bejn il-prima tas-Sibt u bikl tat-tallaba, nippruvaw niġbru l-flus biex inlaħħqu mal-kontijiet u xahar wara xahar inżommu l-plejers kuntenti u nonoraw il-pagamenti li dħalna għalihom. Meta jasal Diċembru u tfaqqa' xi kriżi bit-tim ikun għadu lura fil-klassifika, nibdew insibu kull ġustifikazzjoni biex naħarbu mis-sitwazzjoni. Il-flus imwiegħda, li f'ħafna ċirkostanzi ma jkunux garantiti, x'aktarx itiru mar-riħ. Meta jersaq it-tmiem u nagħmlu rendikont ta' kollox... ajma ħej!

Jien ma naqrax il-futur u niddejjaq ninħela fuq it-tbassir, iżda b'dan ir-ritmu naħseb lura sejrin u mhux il-quddiem u l-futur joffri ftit garanziji ta' titjib. Intenni li l-amministraturi joffru ħafna... ħin, dedikazzjoni, passjoni... iżda għalkemm ilna s-snin nippruvaw il-futbol tagħna baqa' dilettantesk, mifni fil-piki u l-bogħod minn sostenn finanzjarju ndipendenti.

Issa li se jibda staġun ieħor, staġun ġdid, kulħadd jgħidlek li lest u ppreparat sew għall-isfida, iżda fi ftit xhur kulħadd jerġa' jibda jeqred u l-istorja ma ddumx ma terġa' tirrepeti ruħha. Ħasra għaliex il-prodott, il-qalb u l-konvinzjoni li nistgħu nirnexxu u naslu fejn waslu oħrajn, hemm qegħdin. Jonqos il-kuraġġ u forsi xi darba ngħidu daret il-pagna u bdejna nimxu.

Watch LIVE Football Matches & Formula 1
18, Tigne Seafront, Sliema
Tel: 21 336 226 Email: jesmond@misto.com.mt www.misto.com.mt




Dun Karm Psaila Street, Iklin
t: +356 2142 1383

TeamSporT®

# Irbaħ ma'

TeamSporT®

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ wieħed mit-tliet rigali ġentilment offruti lilna minn Teamsport...

**F'liema belt ġewwa l-iSvezja matul ix-xahar ta' Ġunju ntlagħbet il-logħba bejn it-tim nazzjonali Svediż u dak Malti?**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mit-20 ta' Lulju 2009:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o 'Bapu', Triq is-Sejjieħ, Swieqi**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 26 hija:*
John Hutchinson jew Manny Muscat
*u r-rebbieħa huma (1) Saviour Caruana - Mġarr*
*(2) Marco Caruana - San Ġwann (3) Sandro Mizzi - Rabat*




1




2




3

# L-Olanda l-ewwel tim li jikkwalifika












## Grupp 1

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 06/06 | Solna | SVE | 0:1 | DAN |
| 06/06 | Tirana | ALB | 1:2 | POR |
| 10/06 | Gothenburg | SVE | 4:0 | MAL |

| KLASSIFIKA | L | R | D | T | Pti |
|---|---|---|---|---|---|
| Danimarka | 6 | 5 | 1 | 0 | 16 |
| Ungerija | 6 | 4 | 1 | 1 | 13 |
| Portugall | 6 | 2 | 3 | 1 | 9 |
| Svezja | 6 | 2 | 3 | 1 | 9 |
| Albanija | 8 | 1 | 3 | 4 | 6 |
| Malta | 8 | 0 | 1 | 7 | 1 |

## Grupp 2

Il-Logħob li jmiss minn dan il-grupp mistenni jintlgħab f'Settembru

| KLASSIFIKA | L | R | D | T | Pti |
|---|---|---|---|---|---|
| Greċja | 6 | 4 | 1 | 1 | 13 |
| Svizzera | 6 | 4 | 1 | 1 | 13 |
| Latvja | | 3 | 1 | 2 | 10 |
| Iżrajel | 6 | 2 | 3 | 1 | 9 |
| Lussemburgu | 6 | 1 | 1 | 4 | 4 |
| Moldova | 6 | 0 | 1 | 5 | 1 |

## Grupp 3

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 06/06 | Bratislava | SLO | 7:0 | SMA |

| KLASSIFIKA | L | R | D | T | Pti |
|---|---|---|---|---|---|
| Slovakkja | 6 | 5 | 0 | 1 | 15 |
| Irlanda ta' Fuq | 7 | 4 | 1 | 2 | 13 |
| Polonja | 6 | 3 | 1 | 2 | 10 |
| Rep. Ċeka | 6 | 2 | 2 | 2 | 8 |
| Slovenja | 6 | 2 | 2 | 2 | 8 |
| San Marino | 7 | 0 | 0 | 7 | 0 |

## Grupp 4

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 06/06 | Helsinki | FIN | 2:1 | LIE |
| 06/06 | Baku | AZE | 0:1 | WAL |
| 10/06 | Helsinki | FIN | 0:0 | RUS |

| KLASSIFIKA | L | R | D | T | Pti |
|---|---|---|---|---|---|
| Ġermanja | 6 | 5 | 1 | 0 | 16 |
| Russja | 6 | 5 | 0 | 1 | 15 |
| Finlandja | 6 | 3 | 1 | 2 | 10 |
| Wales | 7 | 3 | 0 | 4 | 9 |
| Azerbaijan | 5 | 0 | 1 | 4 | 1 |
| Liechtenstein | 6 | 0 | 1 | 5 | 1 |

## Grupp 5

Il-Logħob li jmiss minn dan il-grupp mistenni jintlgħab f'Settembru

| KLASSIFIKA | L | R | D | T | Pti |
|---|---|---|---|---|---|
| Spanja | 6 | 6 | 0 | 0 | 18 |
| Bosnija-Herzeg. | 6 | 4 | 0 | 2 | 12 |
| Turkija | 6 | 2 | 2 | 2 | 8 |
| Belġju | 6 | 2 | 1 | 3 | 7 |
| Estonja | 6 | 1 | 2 | 3 | 5 |
| Armenja | 6 | 0 | 1 | 5 | 1 |

## Grupp 6

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 06/06 | Grodno | BEL | 5:1 | AND |
| 06/06 | Zagreb | KRO | 2:2 | UKR |
| 06/06 | Almaty | KAZ | 0:4 | ING |
| 10/06 | Kiev | UKR | 2:1 | KAZ |
| 10/06 | Londra | ING | 6:0 | AND |

| KLASSIFIKA | L | R | D | T | Pti |
|---|---|---|---|---|---|
| Ingilterra | 7 | 7 | 0 | 0 | 21 |
| Kroazja | 6 | 3 | 2 | 1 | 11 |
| Ukrajna | 6 | 3 | 2 | 1 | 11 |
| Belarus | 5 | 3 | 0 | 2 | 9 |
| Kazakhstan | 7 | 1 | 0 | 6 | 3 |
| Andorra | 7 | 0 | 0 | 7 | 0 |

## Grupp 7

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 10/06 | Torshavn | FAR | 0:2 | SER |

| KLASSIFIKA | L | R | D | T | Pti |
|---|---|---|---|---|---|
| Serbja | 7 | 6 | 0 | 1 | 18 |
| Franza | 5 | 3 | 1 | 1 | 10 |
| Litwanja | 7 | 3 | 0 | 4 | 9 |
| Awstrija | 6 | 2 | 1 | 3 | 7 |
| Rumanija | 6 | 2 | 1 | 3 | 7 |
| Gżejjer Faroe | 5 | 0 | 1 | 4 | 1 |

## Grupp 8

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 06/06 | Sofia | BUL | 1:1 | IRL |
| 06/06 | Larnaca | ĊIP | 2:2 | MON |

| KLASSIFIKA | L | R | D | T | Pti |
|---|---|---|---|---|---|
| Italja | 6 | 4 | 2 | 0 | 14 |
| Rep. Irlanda | 7 | 3 | 4 | 0 | 13 |
| Bulgarija | 6 | 1 | 5 | 0 | 8 |
| Ċipru | 6 | 1 | 2 | 3 | 5 |
| Montenegro | 6 | 0 | 4 | 2 | 4 |
| Ġeorġja | 7 | 0 | 3 | 4 | 3 |

## Grupp 9

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 06/06 | Skopje | MAĊ | 0:0 | NOR |
| 06/06 | Reykjavik | IŻL | 1:2 | OLA |
| 10/06 | Skopje | MAĊ | 2:0 | IŻL |
| 10/06 | Rotterdam | OLA | 2:0 | NOR |

| KLASSIFIKA | L | R | D | T | Pti |
|---|---|---|---|---|---|
| Olanda | 7 | 7 | 0 | 0 | 21 |
| Skozja | 5 | 2 | 1 | 2 | 7 |
| Maċedonja | 6 | 2 | 1 | 3 | 7 |
| Iżlanda | 7 | 1 | 1 | 5 | 4 |
| Norveġja | 5 | 0 | 3 | 2 | 3 |

# Telfa minima kontra tim ġdid



Il-kowċ tar-Repubbblika Ċeka, Frantisek Straka



Luke Dimech u Tomas Necid fl-azzjoni

Fil-bidu tax-xahar u ftit jiem qabel il-konfront kontra l-iSvezja minn Grupp 1 ta' kwalifikazzjoni għat-Tazza tad-Dinja, 2010, it-tim nazzjonali Malti kien impenjat f'konfront ta' ħbiberija kontra t-tim tar-Repubbblika Ċeka. Il-logħba ntlgħabet fiċ-Chance Arena, fil-belt ta' Jablonec, fit-tramuntana tal-pajjiż Ċek.

Din il-logħba fissret ukoll id-debutt għal żewġ plejers Maltin-Awstraljani, Manny Muscat u John Hutchinson, plejers li kienu wkoll introdotti mill-kowċ Dusan Fitzel, mill-ewwel minuta ta' din il-logħba. Dusan Fitzel kellu jgħaddi mingħajr żewġ pedini mportanti, Gilbert Agius u Michael Mifsud - tal-ewwel mhux f'kundizzjoni fiżika tajba, filwaqt li Mifsud kien sospiż kontra l-iSvezja u tħalla barra mill-iskwadra. Għall-Maltin din il-logħba kienet preparazzjoni qabel il-konfront ferm diffiċli kontra t-tim Svediż, f'Gotheburg. Fil-fatt Dusan Fitzel għamel diversi bidliet mill-aħħar konfront kontra l-Ungerija, f'April li għadda. Iżda mhux biss it-tim Malti kien qiegħed jesperimenta, l-avversarji wkoll kellhom l-għan li jaraw diversi plejers ġodda u xejn inqas minn seba' plejers Ċeki għamlu d-debutt tagħhom taħt il-gwida tal-kowċ, Frantisek Straka. Għal dan il-kowċ dan kien id-debutt fuq il-bank u għalkemm il-logħba qatt m'offriet xi livell għoli ta' logħob, il-prestazzjoni tat-tim Malti kienet waħda pożittiva. Fl-ewwel taqsima kienu diversi ċ-ċansijiet ta' skor għal Malta, bl-aħjar ċans jasal għand Daniel Bogdanovic fid-39 minuta, iżda l-attakkant ta' Barnsley kellu d-daqqa ta' ras tiegħu mblukkata mill-goalkeeper Grigar. It-tim Malti falla ċans tajjeb ieħor ta' skor meta s-sotitut Kevin Sammut ma rnexxielux isib ix-xibka minn qagħda tajba. Ftit wara kien Ryan Fenech li naqas li jimpenja lil Grigar meta x-xutt tiegħu kien dgħajjef. Il-goal tar-rebħa għaċ-Ċeki wasal fis-77 minuta, meta Tomas Necid, l-attakkant li jilgħab ma' CSKA Moscow, fir-Russja, u l-aktar plejer perikoluż tal-avversarji, b'xutt mill-ewwel irnexxielu jsib ix-xibka u għaldaqstant jegħleb lil Mario Muscat fil-lasta Maltija.

stephengatt.com
FREELANCE SPORTS PHOTOGRAPHER

# immexxi minn kowċ ġdid



Roman Hubnik jattakka lil Andrew Cohen minn wara



Straka wara l-logħba



Plejers Ċeki waqt it-taħriġ ġurnata qabel l-impenn kontra Malta



L-iStadium ta' Jablonec

**Partita ta' Ħbiberija**

05.06.2009 - 19.00 hrs

**Repubblika Ċeka** 1

T. Necid 77

**Malta** 0

HT 0-0 Chance Arena, Jablonec

**Rep Ċeka** – Tomas Grigar, Roman Hubnik, Jan Simunek, Erich Brabec (Martin Klein 53), Michal Kadlec (David Limbersky 46), Daniel Kolar (Daniel Pudil 46), Tomas Hubschman, Martin Fillo, Jaroslav Cerny (Radek Sirl 46), Lukas Magera (David Lafata 46), Tomas Necid
Coach – Frantisek Straka

**Malta** – Andrew Hogg (Mario Muscat 46), Alex Muscat, Jonathan Caruana (Andrei Agius 46), Luke Dimech, Shawn Bajada, Manny Muscat (Roderick Briffa 46), Ryan Fenech (Ian Azzopardi 73), John Hutchinson, Andrew Cohen (Kevin Sammut 46), Andrè Schembri, Daniel Bogdanovic
Coach – Dusan Fitzel

**Referee** – Fredy Fautrel (Franza)
**Assistenti** – Cyril Gringore, David Benech (Franza)
**Ammoniti** – D. Limbersky (RĊ); A. Muscat, A. Agius (M)

maltafootball.com

# L-iSvezja tibqa' tittama

Quddiem pubbliku numeruż u f'atmosfera ta' festa, it-tim nazzjonali Svediż irnexxielu jegħleb lil dak Malti u baqa' jittama li jikkwalifika għall-finali tat-Tazza tad-Dinja tal-2010. Il-logħba ntlagħbet fl-Ullevi Stadium, f'Gothenburg, u għaliha Dusan Fitzel kellu nieqsa lil Michael Mifsud u Gilbert Agius, filwaqt li għażel li jibda b'Andrew Hogg bejn il-lasta, filwaqt li John Hutchinson kien qiegħed jagħmel id-debutt tiegħu f'logħba kompetittiva. Għall-avversarji kienet rebħa biss li setgħet tissodisfahom u għaldaqstant għall-Maltin ma kienx faċli jikkontrollaw l-ewforija avversarja. Matul l-ewwel taqsima rajna l-aħjar tal-Maltin, tant, li morna viċin ferm li niskorjaw f'diversi okkażjonijiet, iżda Isaksson, il-goalkeeper avversarju dejjem salva r-riżultat u bqajna ma skorjajniex goal f'dan il-grupp ta' kwalifikazzjoni. Iżda dak li m'għamilniex aħna, fit-12–il minuta, meta Alex Muscat u Daniel Bogdanovic kellhom il-konklużjonijiet tagħhom salvati mll-goalkeeper u Roderick Briffa falla l-mira minn qagħda tajba, għamluh l-iSvediżi fit-22 minuta. Kien Safari li tefa' cross lejn Svensson, dan ra l-konklużjoni tiegħu taħbat mal-mimduda u mir-rebound Kallstrom fetaħ l-iskor. Għalkemm l-Isvediżi dejjem kellhom l-inizjattiva, sa tmiem l-ewwel taqsima l-iskor ma nbidilx. Iżda fit-tieni taqsima t-tim Malti kkrolla u sofrejna tliet goals oħra fi spazju ta' seba' minuti. L-ewwel kien Majstorovic li fit-52 minuta minn azzjoni ta' corner, bir-ras xeħet fix-xibka, biex fis-56 minuta Zlatan Ibrahimovic għamilhom 3-0 meta qabbeż minn fuq Hogg minn pożizzjoni ċara ta' offside li ma kinetx innottata. Żewġ minuti wara Marcus Berg issiġġilla r-rebħa għat-tim ta' Lagerback.

Sat-tmiem il-Maltin ikkontrollaw kif setgħu, bl-Isvediżi kuntenti bir-riżultat, punti li jressquhom aktar viċin tal-Ungerija u d-Danimarka.



Zlatan Ibrahimovic

mfa.com.mt

FIFA
For the Good of the Game

SOUTH AFRICA 2010 FIFA WORLD CUP

SvFF

MALTA FOOTBALL ASSOCIATION 1900



Luke u Zlatan, iż-żewġ captains rispettivi



Plejers Svediżi jifirħu wara t-tielet goal


Roderick Briffa u Anders Svensson fl-azzjoni


Kallstrom u Majstorovic jifirħu bit-tieni goal Svediż


Andrei Agius f'kuntrast ma' Behrang Safari


Kim Kallstrom l-awtur tal-ewwel goal


Alex Muscat jipprova jwaqqaf lill-protagonista tal-logħba, Ibrahimovic

## Tazza tad-Dinja 2010

10.06.2009 - 19.00 hrs

**Svezja** **4**
K. Kallstrom 22, D. Majstorovic 52, Z. Ibrahimovic 55, M. Berg 58

**Malta** **0**
HT 1-0 Ullevi Stadium, Gothenburg

**Svezja** – Andres Isaksson, Adam Johansson, Olof Mellberg, Daniel Majstorovic, Behrang Safari, Rasmus Elm (Sebastian Larsson 77), Anders Svensson, Kim Kallstrom, Victor Elm (Samuel Holmen 80), Zlatan Ibrahimovic, Marcus Berg (Tobias Hysen 77)
Coach – Lars Largerback

**Malta** – Andrew Hogg, Luke Dimech, Alex Muscat (Kevin Sammut 89), Andrei Agius (Manny Muscat 85), Jonathan Caruana, Roderick Briffa, Jamie Pace, Shaun Bajada, Andre Schembri (Ryan Fenech 78), John Hutchinson, Daniel Bogdanovic
Coach – Dusan Fitzel

**Referee** – Calum Murray (Skozja)
**Assistenti** – Graham Chambers, William Conquer (Skozja)
**Raba' Uff.** – Alan Muir (Skozja)
**Ammoniti** – Ħadd

mfa.com.mt


GET MORE FROM
YOUR WORKOUT
POWERADE®
Contains electrolytes and carbohydrates
to help you train better
POWERADE



It-tim nazzjonali Malti ta' Taħt il-21 sena

# Riżultat sodisfaċenti kontra avversarji b'saħħithom

It-tim nazzjonali Malti ta' Taħt il-21 sena immexxi minn Edwin Camilleri u Charles Scerri tilef bl-iskor minimu ta' 1-0 kontra avversarji ferm aktar ikkowotati minna. Il-logħba ta' ħbiberija ntlagħbet f'Borodianka, viċin Kiev. Fl-ewwel taqsima l-plejers kienu kemmxejn nervużi, fejn saru xi daħliet xejn kumplimentużi, iżda mal-ħin l-avversarji rebħu l-andament tal-logħba u bdew joperaw b'attakki veloċi. Il-Maltin adattaw logħba difensiva, bid-difiża tkun kompatta u tevita li ssofri goal sas-68 minuta. Kien propju 22 minuta mit-tmiem li morna fi żvantaġġ ta' goal, meta kien Konoplianka li minn freekick dirett għeleb għal kollox lil Bonello u poġġa lill-avversarji fil-vantaġġ. L-avversarji tagħna, taħt it-tmexxija tal-kowċ Pavlo Yakovenko, baqgħu sal-aħħar jippruvaw ikabbru l-iskor, iżda l-plejers Maltin iddeffendew bi qlubija bil-konsegwenza li ma sofrewx goal ieħor.

**Il-logħob li jmiss għat-tim ta' Edwin Camilleri mistenni jkun diffiċli ħafna, bit-timijiet avversarji kollha jipposjedu livell qawwi. Fil-fatt it-tabella turi l-konfronti tal-Maltin fuq perijodu ta' aktar minn sena.**

| Data | Kampjonat | Logħba |
|---|---|---|
| 04 Settembru 2009 | Under-21 | Malta v Belġju |
| 09 Ottubru 2009 | Under-21 | Malta v Franza |
| 13 Novembru 2009 | Under-21 | Slovenja v Malta |
| 03 Marzu 2010 | Under-21 | Belġju v Malta |
| 29 Mejju 2010 | Under-21 | Malta v Ukrajna |
| 07 Settembru 2010 | Under-21 | Franza v Malta |

UEFA UNDER21 CHAMPIONSHIP®

## Under 21

**09.06.2009 - Borodianka**

| | |
|---|---|
| **Ukranja** | 1 |
| Y. Konoplyanko 68 | |
| **Malta** | 0 |
| HT 0-0 **Borex Football Complex** | |

**Ukrajna** – Anton Kanibolotsky, Yevgen Selin, Yaroslav Rakytsky, Vlodoymur Lysenko (Maksym Bilyy 64), Taras Stepanenko, Mykola Morozyuk, Roman Zozulya, Andriy Yarmolenko (Oleg Golodiuk 80), Andriy Farthushnyak, Volodymyr Chesnakov, Yevgen Komplyanko
*Kowċ* – Pavlo Yakovenko

**Malta** – Henry Bonello, Duncan Pisani, Joseph Zerafa, Steve Borg, Ryan Camilleri, Tyrone Farrugia, John Mintoff, Mark Scerri, Warren Chircop (Glanville Goodlip 86), Ben Camilleri (Julian Galea 63), Clifford Gatt Baldacchino (Beppe Muscat 80)
*Kowċ* – Edwin Camilleri

Referee – Nikolay Yordanov (Bulgarija)
Assistenti – Nikola Dzhuganski, Ivan Valchev (Bulgarija)
Raba' Uffiċjal – Angel Angelov (Bulgarija)



Rachel Cuschieri f'azzjoni personali



It-tim Malti u dak Bulgaru (taħt)



# Malta tispiċċa t-Tieni fil-Grupp

Malta ospitat il-logħob ta' kwalifikazzjoni ta' Grupp 4D mill-Kampjonati tal-UEFA u spiċċat fit-tieni post ta' dan il-grupp meta ħarġet rebbieħa kontra tnejn mit-timijiet avversarji u tilfet l-aħħar logħba, kontra l-Bulgarija.

Il-logħob kollu ntlagħab fis-Centenary Stadium, f'Ta' Qali. Fl-ewwel logħba kontra l-Latvja, t-tim Malti mmexxi minn Pierre Brincat, ħareġ rebbieħ bl-iskor konvinċenti ta' 4-0.

Il-prestazzjoni kienet waħda tajba ħafna, bil-goals jaslu minn Natasha Pace, Emma Xuereb, Dorianne Theuma u Rachel Cuschieri. Fit-tieni konfront kontra l-Lussemburgu, it-tim Malti għal darb'oħra akkwista t-tliet punti meta permezz ta' penalty skorjat lejn l-aħħar tal-logħba minn Dorianne Theuma, in-nisa Maltin żammew sal-aħħar biex waslet rebħa oħra mportanti oħra. Fil-fatt din kienet l-ewwel rebħa għal Malta kontra l-Lussemburgu u dan għaliex f'żewġ okkażżjonijiet preċedenti akkwistajna telfa ta' 4-2 u draw ta' 2-2. Fit-tielet konfront, l-aktar wieħed diffiċli kontra avversarji ferm aktar ikkwotati, it-tim Malti tilef bl-iskor minimu ta' 1-0, b'goal li wasal fl-24 minuta permezz ta' Lilyana Kostova. L-istess Bulgarija spiċċat fl-ewwel post.

Dawn il-logħbiet servew biex il-kowċis rispettivi jkunu jistgħu jibdew jaħdmu fuq il-konfronti aktar diffiċli li t-tim nazzjonali tan-nisa mistenni jilgħab f'Settembru li ġej. Fil-fatt fil-logħob ta' kwalifikazzjoni għat-Tazza tad-Dinja se nkunu fl-istess grupp mat-timijiet tat-Turkija, l-Ingilterra, Spanja u l-Awstrija.

L-iskwadra Maltija kienet komposta minn dawn il-plejers:

| Plejer | Pożizzjoni | Klabb |
|---|---|---|
| Sharon Costantino | Goalkeeper | Birkirkara F.C. |
| Michelle Zahra | Goalkeeper | Birkirkara F.C. |
| Maria Azzopardi | Difensur | Hibernians F.C. |
| Rebecca Chircop | Difensur | Mosta F.C. |
| Stefania Farrugia | Difensur | Birkirkara F.C. |
| Chantal Fenech | Difensur | Birkirkara F.C. |
| Natasha Pace | Difensur | Mosta F.C. |
| Charlene Zammit | Difensur | Hibernians F.C. |
| Orianna Bedingfield | Midfielder | Melita F.C. |
| Catherine Camilleri | Midfielder | Birkirkara F.C. |
| Ylenia Carabott | Midfielder | Sliema Raiders F.C. |
| Rachael Cuschieri | Midfielder | Birkirkara F.C. |
| Rebecca Deagostino | Midfielder | Mosta F.C. |
| Mandy Debono | Midfielder | Hibernians F.C. |
| Dorianne Theuma | Midfielder | Mosta F.C. |
| Kathleen Saliba | Attakkant | Hibernians F.C. |
| Emma Xuereb | Attakkant | Gozo F.C. |
| Gabriella Zahra | Attakkant | Melita F.C. |



Dorianne Theuma fl-azzjoni



Eżatt qabel il-logħba bejn Malta u l-Bulgarija

# Programm ta' logħob

| | | |
|---|---|---|
| 05/06 | Malta vs Latvja | 4-0 |
| 05/06 | Bulgarija vs Lussemburgu | 5-0 |
| 07/06 | Malta vs Lussemburgu | 1-0 |
| 07/06 | Latvja vs Bulgarija | 0-4 |
| 10/06 | Bulgarija vs Malta | 0-1 |
| 10/06 | Lussemburgu vs Latvja | 0-1 |


UEFA
CHAMPIONS
LEAGUE
UEFA
COUPE DES CLUBS CHAMPIONS
EUROPÉENS

# Ħu ritratt mat-Tazza Uffiċjali taċ-Champions League fit-Trade Fair

Ejja u ara t-Tazza taċ-Champions League fuq l-istand tagħna fit-Trade Fair mill-25 ta' Ġunju sal-5 ta' Lulju. Ħu ritratt mat-Tazza B'XEJN u tkun taf kif tħossok meta tkun "Champion". Il-UEFA Champions League terġa' tibda f'Awwissu bil-logħbiet kollha tal-Playoffs DIRETTI, esklussivament fuq ***melita sports.***

**melita**

*Your world with you*

www.melita.com

## *Għal aktar informazzjoni*

Ċempel fuq ***27 270 270*** jew żur ***www.melita.com***



# It-Tmien Edizzjoni Suċċess Ieħor

**Għat-tmien darba konsekuttiva l-kumpanija Events Services organizzat il-Malta Football Awards, lejla li matulha ġew ippremjati plejers u uffiċjali, għall-prestazzjonijiet rispettivi tagħhom. L-edizzjoni ta' din is-sena saret nhar it-Tlieta, 2 ta' Ġunju, fil-lukanda, Grand Excelsior, fil-Floriana. Għal din il-lejla, li kienet ippreżentata minn Catherine Xuereb u Clinton Buhagiar, attendew numru kbir ta' mistiedna minn diversi klabbs tal-Premier u kif ukoll oħrajn mid-diviżjonijiet l-oħra. Attendew ukoll rappreżentanti mill-kampjonati rispettivi, tan-Nisa, il-Futsal u kif ukoll mill-kampjonat Għawdxi u dan għaliex għal sena oħra dawn l-unuri ppremjaw ukoll lill-aħjar individwi minn dawn il-kampjonati.**

Fost il-mistednin distinti kien hemm l-Onorevoli Segretarju Parlamentari responsabbli miż-Żgħażagħ u Sport, Clyde Puli, diversi membri Parlamentari oħra, uffiċjali tal-Malta Football Association, ufficjali tal-klabbs, sponsors varji u diversi mistednin oħra. L-avveniment ixxandar permezz ta' trasmissjoni diretta fuq Melita Sports u fuq il-Weather and Information Channel ta' Melita, b'udjenza li laħqet is-70,000 telespettatur. Waqt is-serata saru diskorsi mis-Segretarju Parlamentari u kif ukoll minn Sandro Micallef, Chairman tal-Kumitat Organizzattiv tal-Malta Football Awards, b'dan tal-aħħar irodd ħajr lil dawk il-klabbs kollha li kkollaboraw mal-organizzaturi sabiex setgħet issir edizzjoni oħra.

Iktar dettalji u ritratti dwar is-seba' edizzjonijiet tal-passat jinkisbu minn fuq il-paġna www.maltafootball.com/awards



Plejers u kowċ ta' Hibernians li rebħu diversi unuri



Clinton Buhagiar u Catherine Xuereb, il-preżentaturi ta' din l-edizzjoni



Clayton Failla, l-akbar protagonist matul din il-lejla



L-ex plejer irtirat Joe Cini wara l-preżentazzjoni tat-trofew



Anthony Curmi li rebaħ l-unur tal-Aqwa Goalkeeper



Terence Scerri, jirbaħ unur misthoqq



Jean Paul Farrugia jidher qiegħed jindirizza lil dawk preżenti



Mario Muscat l-aktar simpatiku fost id-dilettanti tal-futbol lokali



Rachel Cuschieri tippoża bl-unur f'idejh

### Ir-Rebbieħa kollha tat-Tmien Edizzjoni

**L-Aqwa Plejer Kampjonat GFA (Div. 1)**
John Camilleri (Sannat Lions F.C.)

**L-Aqwa Plejer tal-Futsal (Div. 1)**
Alexander Ribic (White Eagles F.C.)

**L-Aqwa Plejer tat-Tielet Diviżjoni**
Ayrton Buhagiar (Mdina Knights F.C.)

**L-Aqwa Plejer tat-Tieni Diviżjoni**
Matthew Borg (Melita Amateurs F.C.)

**L-Aqwa Plejer tal-Ewwel Diviżjoni**
Anthony Eviparker (Vittoriosa Stars F.C.)

**L-Aqwa Plejer Femminili**
Rachel Cuschieri (Birkirkara F.C.)

**L-Aktar Żagħżugħ Promettenti**
Jean Paul Farrugia (Hibernians F.C.)

**L-Aqwa Goalkeeper**
Anthony Curmi (Tarxien Rainbows F.C.)

**L-Aqwa Difensur**
Luke Dimech (Valletta F.C.)

**L-Aqwa Midfielder**
Clayton Failla (Hibernians F.C.)

**L-Aqwa Attakkant**
Terrence Scerri (Hibernians F.C.)

**L-Aqwa Kowċ**
Mark Miller (Hibernians F.C.)

**L-Aqwa Plejer Veteran (35 sena)**
Gilbert Agius (Valletta F.C.)

**Il-Plejer Favorit Skont il-Pubbliku**
Mario Muscat (Hibernians F.C.)

**L-Aqwa Plejer Barrani**
Daniel Mariano Bueno (Tarxien Rainbows F.C.)

**L-Aqwa Plejer Malti**
Clayton Failla (Hibernians F.C.)

**Unur għall-Karriera**
Joe Cini

**Unuri Specjali**
Malta Football Coaches Association
Malta Football Referees Association

**L-Isbaħ Goal tal-iStaġun**
Adrian Pulis (Hibernians F.C.) vs Birkirkara



# 1000 free tickets to "The Coca-Cola Zero Modify-It Automotive Festival" awarded to My Coke members!

The Modify-It Automotive Festival which was held between the 28th and 31st May at MFCC, Ta Qali featured various shows and activities, including the internationally acclaimed "Fuel Girls Arena Show" from the UK & Tyre-burning Pro Drift Drivers together with top local motor sport performers.

The indoor exhibition area was set up for trade stands as well as American, Asian & European modified car exhibits, each competing for the IASCA tuner Jam Supremacy, IASCA sound quality and install challenges. The event also featured the loudest cars of the island blasting beats in the first ever two-point event in Malta to achieve the highest sc[illegible]d pressure levels inside their vehicles.

My Coke Members were offered the opportunity to exchange their star points for entrance tickets, live action arena show tickets and VIP tickets to the official after party.

Moreover, 30 Lucky Coke Zero Consumers were given the opportunity of riding shotgun with the Professional Drivers during the Pro Drift Shows!

To become a member of My Coke, simply log on to www.mycoke.com.mt, click on the "Register Now" Button and follow the online instructions. Alternatively, you may register by SMS as follows: peel the label from participating products, find the unique code on the bottle & send it by SMS to 99180022.; you will then be asked to send your ID Card Number by SMS; Once verified, you will be confirmed as a member & your account will be topped up with an assigned number of points every time you send a new code. Codes may also be entered via web.

For more information, log on to www.mycoke.com.mt









Photos courtesy of Christopher Stephenson

# Football teams
# 2009 Budweiser





A football team from Hacienda Bar represented Malta in the 2009 Budweiser Cup international finals on 25th May 2009 at Old Trafford in Manchester, UK, competing against other recreational football players from Abu Dhabi, Argentina, Bahrain, Belgium, Chile, Dubai, India, Ireland, Qatar, Sweden and Vietnam.

After a day of competition, Team Argentina emerged among the 12 squads to win the 2009 Budweiser Cup Championship, defeating Vietnam 1-0 on penalties. Hacienda Bar did Malta proud by winning the Budweiser Plate tournament, beating off stiff competition from Teams Ireland, Abu Dhabi, Sweden, and India. Overall the Maltese team, Hacienda Bar, placed 3rd out of 12 participating countries.

"Walking through the Players' Tunnel onto the pitch at The Theatre of Dreams and hearing the Champions League song is the highlight of my experience," said Team Malta player Beppe Antigniolo, who scored a total of 7 goals during the tournament.

Matthew Debono, another member of the team, added "Right from the first day - training at Carrington with Manchester United Soccer School Academy and with Bryan Robson, changing in the first team dressing rooms and playing at Old Trafford - was all a dream come true." Matthew also thanked Nobby Vella – the manager of the team for the hard work and for forming a team of "gladiators", as described by Alan Keegan during the awards ceremony.

"The Budweiser Cup offered football fans the thrill of representing their countries on a world-famous pitch, as well as the chance to meet fellow football players from around the globe," commented Claudia Allard, Brand Manager for Budweiser in Malta. "The



from around the world battle in

# Cup International Finals



## Maltese Team Hacienda Bar wins Budweiser Plate Tournament

Maltese team played extremely well; little did we imagine that we would return home from such an international tournament with such an honour!"

Manchester United Legends Denis Irwin and Clayton Blackmore were on-hand during the tournament to enjoy the matches and take photos with the teams. Team Hacienda Bar were very proud to receive The Budweiser Plate from football icon Sir Bobby Charlton. Nobby Vella, Player-Manager of the team summed it all up very well: "Such a beautiful experience that remain in our memories for a lifetime."

Teams played 10-minute games on quarter-sized fields in a 6-on-6 format. Six players were able to play at a time and teams were permitted up to eight players on their rosters, allowing for substitutions throughout the game.

Budweiser is a proud supporter of the Premier League and Manchester United Football Club. Budweiser has also been the official beer sponsor of the FIFA World Cup since 1986, extending during the 2010 and 2014 editions.









*Budweiser would like to thank the following sponsors for their support: Urban Jungle for providing the football kits and Sport Experience.*

BUD CUP WINNERS 2009

Budweiser INTERNATIONAL CUP 6v6



# L-Assoċjazzjoni tiċċelebra t-Tletin Sena mit-Twaqqif tagħha (1979-2009)

Valletta St. Pauli, rebbieħa tal-Kampjonat u tas-Super Cup

Is-Swan Amateur Football Association matul l-istaġun li għadu kif intemm kienet qiegħda tfakkar it-tletin sena mit-twaqqif tagħha. Għall-ewwel darba kemm ilha li twaqqfet l-assoċjazzjoni, kienu għaxar timijiet li ħadu sehem fil-kompetizzjonijiet li l-Għaqda torganizza.

Il-kampjonat kellu format differenti minn tas-soltu, fejn l-għaxar timijiet parteċipanti lagħbu kontra xulxin fl-ewwel fażi u nqasmu skond il-klassifika għat-tieni fażi. Għaldaqstant l-ewwel ħames timijiet lagħbu fiċ-Championship Pool, filwaqt li l-aħħar ħamsa lagħbu għall-Famalco Cup.

L-għaxar timijiet li ħadu sehem fil-kampjonat kienu Valletta St.Pauli Peugeot AFC, Ta' Giorni Wolves FC, San Ġwann 93 EuroStar AFC, Senglea Gunners 'Attard Logistic' AFC, Tarxien AFC, Sliema Rangers Daikin AFT, Paola Peacocks Nexia AFT, Mtarfa FC, Tal-Qroqq Versity Kasco AFC u Mqabba Albions AFC.

L-ewwel kompetizzjoni li l-Għaqda organizzat kienet is-Super Cup, bil-Beltin ta' Valletta St.Pauli jibdew l-istaġun fuq nota pożittiva meta għelbu lil holders tan-Knock-Out, San Ġwann 93, bl-iskor konvinċenti ta' 5-1. Ftit ġimgħat wara, beda l-kampjonat fejn irrenja l-ispirtu sportiv u għal żmien il-Milied il-kampjonat għamel l-ewwel waqfa tiegħu biex bdiet il-kompetizzjoni tal-Milied. Din il-kompetizzjoni ntrebħet minn Senglea Gunners, tim li kien qiegħed jiddebbuta fi ħdan l-Assoċjazzjoni. Fil-finali dawn għelbu lil Ta' Giorni Wolves bl-iskor ta' 4-1 u għalhekk kisbu l-ewwel unur fi ħdan l-għaqda.

Wara l-festi tal-Milied tkompla l-kampjonat b'Valletta St.Pauli, San Gwann 93, Ta' Giorni Wolves, Tarxien AFC u Senglea Gunners jispiċċaw fl-ewwel ħames postijiet tal-klassifika. Għalhekk kienu dawn il-ħames timijiet li lagħbu fiċ-Championship Pool, bit-tim ta' Valletta St.Pauli jerġa' jiġi inkurunat champion għat-18–il sena fl-istorja glorjuża ta' dan il-klabb. Din is-sena dan il-klabb qiegħed jiċċelebra il-25 sena mit-twaqqif tiegħu. Fit-tieni post spiċċa t-tim ta' Ta' Giorni Wolves, tim li offra sfida denja lit-tim Belti tul il-kampjonat kollu. Fin-naħa t'isfel tal-klassifika it-taqtiegħa kienet bejn it-timijiet ta' Sliema Rangers u Paola Peacocks, bis-Slimiżi jirbħu l-konfront dirett u għaldaqstant rebħu dan l-unur. Staġun ieħor dawn għandhom id-dritt jilagħbu flimkien mal-ħames timijiet l-oħra li spiċċaw jilagħbu fiċ-Championship Pool, biex il-kumplament tat-timijiet flimkien ma' dawk ġodda se jifformaw it-Tieni Diviżjoni. B'hekk il-ħolma tal-president ħabrieki, is-sur Lino Bartolo, li xi darba l-Assoċjazzjoni jkollha żewġ diviżjonijiet mistennija ssir realtà.

L-aħħar kompetizzjoni li l-Għaqda torganizza hija dik tan-Knock-Out fejn il-holders ta' din il-kompetizzjoni San Gwann 93 reġgħu għat-tieni sena konsekuttiva rebħu dan l-unur meta fil-final għelbu lill-ġirien tagħhom ta' Sliema Rangers bl-iskor ta' 3-2. Bla dubju, din kienet waħda mill-aktar logħbiet eċċitanti u akkaniti milghuba quddiem pubbliku numeruż.

L-Assoċjazzjoni tixtieq tfakkar lill-eks segretarju u ħabib kbir Raymond Bartolo, li sfortunatament m'għadux magħna, iżda żgur li minn hemm fuq qiegħed iħares lejna u bla dubju qiegħed jieħu gost jarana nkomlpu norganizzaw. Kemm ilha mwaqqfa l-Għaqda dejjem kien involut kemm bħala plejer u kif ukoll bħala amministratur.

Finalment l-Assoċjazzjoni tibgħat ringrazzjamenti speċjali lid-delegati tat-timijiet affiljati tal-ħidma kostanti tagħhom u kif ukoll lejn id-Diretturi tal-Fahrenheit Freight Fowarders Limited tal-appoġġ kontinwu li dejjem jagħtu lill-għaqda. Grazzi tmur ukoll lejn l-MFA tal-għajnuna tagħhom, fejn ta' kull ġimgħa jieħdu ħsieb id-dixxiplina, lill-uffiċjali tal-MFRA tas-servizz li jagħtu waqt il-logħob organizzat u l-aħħar u mhux l-inqas, lis-Sinjuri Patrick Fenech u Emanuel Zammit u kif ukoll lis-Sur Christopher Sant f'isem il-klabb ta' San Ġwann. Grazzi kbira tmur ukoll għall-ġurnalisti, Victor Zammit tal-Union Print u Daniel Buhagiar tal-PBS, tal-appoġġ ġurnalistiku tagħhom.




Pitkali Road, Attard ATD 2214
Tel: (+356) 23392339
Fax: (+356) 21416465
E-mail: info@fahrenheitmalta.com



# L-40 sena mit-twaqqif ta' SLIEMA CITY

F'Ottubru tas-sena 1969, Alfred Bob Zammit u sieħbu Frank Abdilla, waqqfu tim tad-dilettanti u semmewh Sliema City. Sal-lum dan l-istess tim għadu attiv u jieħu sehem fil-kampjonat tad-dilettanti, CASLA.

Fl-ewwel sena tiegħu t-tim lagħab sensiela ta' logħbiet ta' ħbiberija, iżda mill-istaġun ta' wara, 1970-71, Sliema City bdew jilagħbu logħbiet kompetittivi. Fl-1971-72, Sliema City rebħu l-ewwel unur fl-istorja tagħhom, fil-fatt kienu rebħu l-kampjonat tal-CASLA u biex jiċċelebraw dan is-suċċess marru għal mawra ġewwa Sqallija, fejn lagħbu kontra t-tim ta' U.S. Taorminese. B'kollox sal-ġurnata tal-lum, Sliema City rebħu seba' Kampjonati u sitt darbiet il-kompetizzjoni tan-Knock-Out. Plejers prominenti fosthom Peter Langridge, JimmyBriffa, Joe Serge, Norman Darmanin Demajo u oħrajn, kollha libsu l-flokk ta' Sliema City. SPORTIV jawgura kull suċċess lill-plejers u l-uffiċjali ta' Sliema City għal dan l-anniversarju mportanti.

**Wara**

Lewis, Camilleri, Parrella, Grech, Galea, Stellini, Borg, Meilaq, Fenech Adami, Giordemaina, Cutajar

**Quddiem**

Calleja, Caruana, Degiorgio, Francica, Vassallo, Abela, Borg, Tanti, Borg Caruana, Fabri

# Umbro and Manchester City announce groundbreaking brand partnership




Winner of the Umbro Competition for the May Issue of Sportiv is:

**Theresa Barbara**
**Qormi**

**MANCHESTER, ENGLAND (4 JUNE 2009) - Umbro and Manchester City Football Club today announce a unique ten-year brand partnership.**

July 18th will mark the on-sale date of Manchester City FC's home kit 2009/10 season. Inspired by the club's heritage, the new kit will benefit from Umbro's football tailoring process, delivering performance and style on and off the pitch.

The home kit combines design elements from the past with new technology, refined detailing and a tailored aesthetic. Each seam on the crew-neck shirt has been carefully considered and selected for a specific function and the crest has been extensively re-mastered to bring a new level of detail to the club's identity.

The away kit is a nod to Manchester's symbol of industry and coat of arms – the Apis Millifera – more commonly known as 'the bee'. The shirt is black with yellow and gold inserts on the shoulders used to define and accentuate the upper torso.

The third kit draws its inspiration on a classic kit of the past, whilst embracing craft and attention to detail to create a very modern twist. The shirt has a black and red sash across a white base with the team sponsor located under the crest to ensure that the visual identity of the sash is not compromised.

Martin Prothero, Umbro's Senior Vice President of Football said, "This is an exciting opportunity for both Umbro and Manchester City FC to build on their collective heritage and create truly iconic modern football brands. MCFC were the first beneficiaries of our tailoring heritage in 1934, the same year they won The FA Cup wearing Umbro kits. MCFC will be the first club side to benefit from our tailoring process for the 2009/10 season which means the best sportswear products for players and fans alike."

Umbro also announced today that working in partnership with Manchester City FC and other local organisations, the company is committed to investing over £100,000 in Manchester culture over the next three years to support and inspire creativity across the city.

# Kampjonati sbieħ b'2688 goal skorjati f'798 logħba

**Segretarju Ġenerali YFA**

Nhar it-8 ta' Settembru 2008 tajna bidu għall-istaġun 2008-2009, bl-aħħar logħba tinżamm nhar il-Ħadd, 24 ta' Mejju 2009. Kellna b'kollox 408 logħba mill-Kampjonat U/17, filwaqt li f'dak tal-U/15 saru 390 logħba. Il-grounds użati matul dan l-istaġun kienu dawk ta' Luxol, Melita, Ħamrun, Tarxien, St.Patrick u tal-Kulleġġ San Alwiġi. Finalment kienu skorjati total ta' 2688 goal, b'1470 fil-Kampjonat U/17 u 1218 fil-Kampjonat U/15.

## Kampjonat APS Bank U/17

**Sezzjoni A**: Tnax –il tim ikkompetew f'din is-sezzjoni, li saret fuq żewġ rounds. L-aħħar tliet timijiet fil-klassifika ġew relegati f'Sezzjoni B. Kienet sezzjoni nteressanti ferm bir-rebbieħa jkunu **Paola Hibs**, li kellhom jistennew l-aħħar logħbiet deċiżivi biex aċċertaw ruħhom mir-rebħ ta' din is-sezzjoni. Tilfu żewġ logħbiet biss u skorjaw 60 goal, biex spiċċaw ukoll l-aktar tim li skorja goals. Pieta' Hotspurs offrew sfida denja u għamlu żmien fost il-favoriti li setgħu jirbħu Sezzjoni A. St.Andrew's u St. Patrick ma damux ħafna f'din is-sezzjoni għaliex propju wara biss staġun reġgħu kienu relegati mill-ġdid f'Sezzjoni B. Is-sorpriża fin-negattiv kienu Sliema Wanderers li wara tant staġuni ġew relegati minn Sezzjoni A. F'total ta' 132 logħba, f'din is-sezzjoni ġew skorjati 460 goal.

**Sezzjoni B**: Bl-aħjar attakk u bl-aktar difiża soda, **Hamrun Spartans** ittrijonfaw u reġgħu rritornaw jilgħabu f'Sezzjoni A wara nuqqas ta' staġun. Hamrun spiċċaw l-impenji tagħhom fl-ewwel post b'total ta' 52 punt, segwiti minn Qormi b'46punt u minn Balzan Youths b'44 punt. Dawn it-tliet timijiet staġun ieħor mistenni narawhom jilgħabu f'Sezzjoni A. Lija-Iklin, Attard, Żebbuġ Rangers u Sirens kienu relegati. Din is-sezzjoni hija l-aktar waħda movimentata fejn minn tnax –il tim ħamsa biss jibqgħu f'din is-sezzjoni. It-total ta' goals skorjati kien dak ta' 428 goal f'132 logħba.

**Sezzjoni Ċ1**: It-tim il-ġdid ta' **Gozo FC,** li kien qiegħed jikkompeti għall-ewwel darba fl-U/17, wera l-qawwa tiegħu meta kien promoss promoss għal Sezzjoni B. Il-qawwa fl-attakk ta' dan it-tim tiżboq l-ammont ta' goals skorjati f'kull sezzjoni ta' dan il-kampjonat, fejn it-tim Għawdxi rnexxilu jsib ix-xibka għal 78 darba u sofra biss 9 goals kontra. Marsaxlokk ukoll kellhom tim jipprometti u żammew il-pass mal-avversarji, biex spiċċaw erba' punti biss wara l-Għawdxin. B'kollox kienu skorjati 323 goal f'72 logħba minn din is-sezzjoni.

**Sezzjoni Ċ2:** B'telfa waħda biss it-tim ta' **Mġarr** rebaħ din is-sezzjoni u staġun ieħor mistennija jilgħabu f'Sezzjoni B. Huma aċċertaw mill-promozzjoni b'distakk ta' ħames punti fuq l-eqreb avversarji. Kirkop ukoll mistennija jagħmlu ritorn ta' malajar f'Sezzjoni B, wara nuqqas ta' staġun. Kien punt wieħed biss li ċaħħad lil Birzebbuġa Windmills minn decider ma' Kirkop u dan biex jiddetermina min fosthom kellu jkun promos flimkien ma' Mġarr. F'72 logħba kienu skorjati total ta' 259 goal.

Minn dan l-istaġun minħabba li żdiedu t-timijiet u wara suġġeriment min-nurseries, din is-sezzjoni kienet maqsuma f'żewġ sezzjonijiet, dawk ta' Ċ1 u Ċ2.

**Kampjonat**

| | | |
|---|---|---|
| U/17 A | 132 logħba | 460 goal |
| U/17 B | 132 logħba | 428 goal |
| U/17 Ċ1 | 72 logħba | 323 goal |
| U/17 Ċ2 | 72 logħba | 259 goal |
| *Total* | *408 logħbiet* | *1470 goal* |

## Kampjonat APS Bank U/15

**Sezzjoni A:** It-tim rebbieħ ta' din is-sezzjoni, **Paola Hibs,** spicca l-uniku tim fil-kampjonati mingħajr telfa u bl-ahjar difiża meta sofra biss 5 goals kontra u ġabar total ta' 58 punt. Ir-rebbieħa kienu segwiti mit-tim ta' Pieta' Hotspurs, li spiċċaw il-kampjonat b'total ta' 40 punt. Interessanti l-fatt li f'din is-sezzjoni kien hemm seba' timijiet li matul il-kampjonat issieltu għat-tieni post tal-klassifika. Jekk f'Sezzjoni A tal-Kampjonat U/17 kellna sorpriża fost dawk li ġew relegati, mhux b'inaqas f'din is-sezzjoni, fejn Floriana u San Ġwann, flimkien ma' Naxxar kienu relegati u sena oħra jilgħabu f'Sezzjoni B. B'kollox kienu skorjati 322 goal.

**Sezzjoni B**: Staġun brillanti għat-tim ta' **Pembroke Athleta** meta rebħu s-sezzjoni bl-akbar ammont ta' goals skurjati fost iż-żewġ kampjonati, b'total ta' 86 goal. Iżda mhux hekk biss, irnexxilhom ukoll jaslu sal-finali tal-kompetizzjoni Knock Out. Marsa u Gozo ukoll kellhom staġun pożittiv, għaliex wara li fl-istaġun ta' qabel rebħu l-promozzjoni, issa wettqu ripetizzjoni u flimkien ma' Pembroke kisbu l-promozzjoni. Sirens, Balzan Youths u Mellieħa sfaw relegati. Minn 132 logħba kienu skorjati 412 –il goal.

**Sezzjoni Ċ1:** It-tim ta' **Zejtun Corinthians** kien konsistenti tul il-kampjonat u





**First Coin Account**

- **INVEST** in the child's future
- **TEACH** the child about the value of money
- **PROTECT** the child when opening this insurance-linked account
- **SHOW** the child how to benefit from the *First Coin Club*

APS Bank Ltd is licensed to conduct Investment Services business by the Malta Financial Services Authority and is enrolled as an Insurance Sub-Agent for Middlesea Valletta Life Assurance Company Limited.

Tel: 2122 6644 www.apsbank.com.mt APS bank



meritatament rebaħ is-sezzjoni u staġun ieħor se jilgħab f'Sezzjoni B. Iż-Żwieten skorjaw 45 goal u sofrew biss 9 goals. F'din is-sezzjoni ġew skorjati 183 goal.

**Sezzjoni Ċ2:** L-aħħar logħba, dik deċiżiva bejn Dingli u Attard, offriet spettaklu. Attard riedu rebħa u Dingli draw u dan biex ikunu ddikkjarati rebbieħa ta' din is-sezzjoni. Fl-aħħar ħinijiet **Attard** skorjaw, marru fil-vantaġġ u żammew l-iskor favurihom sat-tisfira finali. B'hekk kienu huma li rebħu s-sezzjoni, b'Dingli jtemmu warajhom. In-numru ta' goals skorjati kien 136.

**Sezzjoni Ċ3:** Wara fl-istaġun li għadda **Lija-Iklin** fallew il-promozzjoni bi ftit, dan l-istaġun kisbu dan is-suċċess wara wirjiet ferm tajba. Segwiti strettament minn Msida, huma għarfu jżommu t-tliet punti vantaġġ fuq l-avversarji sal-aħħar tal-kampjonat u b'hekk il-ħolma tagħhom seħħet. F'din is-sezzjoni kienu skorjati 165 goal.

**Kampjonat**

| | | |
|---|---|---|
| U/15 A | 132 logħba | 322 goal |
| U/15 B | 132 logħba | 412 goal |
| U/15 Ċ1 | 42 logħba | 183 goal |
| U/15 Ċ2 | 42 logħba | 136 goal |
| U/15 Ċ3 | 42 logħba | 165 goal |
| *Total* | *390 logħba* | *1218 goal* |

Biex inkunu tajna ħarsa aktar fid-dettal ta' dak kollu li ġara qiegħdin nipubblikaw żewġ tabelli mportanti, dik tal-Walk-Overs mogħtija u waħda bil- Protesti u bid-deċiżjoni kif definita mill-Bord tal-Protesti tal-Youth F.A.

**Walk-Overs Staġun 2008-2009**

U/17 A
Paola Hibs v Birkirkara mogħtija minn Birkirkara

U/17 Ċ2
Mġarr United v Vittoriosa Stars mogħtija minn Vittoriosa Stars

U/17 Ċ2
Zurrieq v St. George's mogħtija minn Żurrieq

U/17 Ċ2
St.George's v Vittoriosa Stars mogħtija minn Vittoriosa Stars

U/17 Ċ2
Għira United v Vittoriosa Stars mogħtija minn Vittoriosa Stars

U/17 Ċ2
Vittoriosa Stars v Gudja United mogħtija minn Vittoriosa Stars

**Protesti Staġun 2008-2009**

| Protest | Kontra | Kampjonat | Deċiżjoni |
|---|---|---|---|
| Msida SJ | Qormi | U17 B | Milqugħ |
| Marsaxlokk | Gozo | U17 Ċ1 | Milqugħ |
| Sta. Venera | Għaxaq | U17 Ċ1 | Milqugħ |
| Birżebbuġa | Għira | U17 Ċ2 | Milqugħ |
| St.George's | Gudja Utd | U17 Ċ2 | Milqugħ |
| Dingli S. | Gozo | U17 Ċ2 | Replay |
| Sta. Venera | Żebbuġ R. | U15 Ċ2 | Milqugħ |
| Mosta | Floriana | U15 A | Milqugħ |
| Għaxaq | Gudja Utd | U15 Ċ2 | Milqugħ |
| Sta. Venera | Żebbuġ R. | U15 Ċ2 | Milqugħ |
| St.George' s | Żebbuġ R. | U15 Ċ2 | Milqugħ |



AZZJONI BEJN PLEJERS TA' PAOLA HIBS U SAN ĠWANN FL-U17 SEZZJONI A


L-AĦĦAR LOGĦBA BEJN ĦAMRUN U MELLIEĦA LI GĦALQET SEZZJONI B TAL-U17


PLEJERS TA' MARSA U RABAT JISSIELTU GĦALL-BALLUN FIL-KAMPJONAT U15 SEZZJONI B




First Coin Account

- **INVEST** in the child's future
- **TEACH** the child about the value of money
- **PROTECT** the child when opening this insurance-linked account
- **SHOW** the child how to benefit from the *First Coin Club*

APS Bank Ltd is licensed to conduct Investment Services business by the Malta Financial Services Authority and is enrolled as an Insurance Sub-Agent for Middlesea Valletta Life Assurance Company Limited.

Tel: 2122 6644 www.apsbank.com.mt APS bank

Ftit tal-jiem ilu l-kontinġent Malti rritorna minn Ċipru, fejn l-atleti tagħna ħadu sehem fit-23 Edizzjoni tal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar tal-Ewropa. Fost l-entużjażmu għal diversi midalji li waslu u li ma kienux fl-aspetazzjoni tal-Kumitat Olimpiku Malti, kien hemm oħrajn li ma waslux u dan id-diżappunt qajjem kritika iebsa fil-konfront tan-nies kompetenti f'dan ir-rigward. Wieħed minn dawn huwa Mark Cutajar, id-Direttur Sportiv tal-KOM, bniedem magħruf sew fix-xena sportiva lokali, persuna li ħa l-kariga propju ftit ġimgħat qabel ingħata bidu għal dawn il-logħob.

Mark Cutajar tkellem ma' SPORTIV u qasam il-ħsibijiet tiegħu dwar dak li seħħ u dwar dak li hemm ippjanat għall-futur…



***Mark Cutajar minn dejjem kellu konnessjoni mal-isport, viċin l-atleti fir-rappurtaġġ ta' avvenimenti, kemm waqt mumenti mportanti ta' suċċess u kif ukoll fid-dieqa ta' xi diżappunt. Kif issawwar il-passat tiegħek sal-ġurnata tal-lum?***

Bdejt bħala plejer tal-futbol, iżda ma kelliex esperjenza glorjuża. Wara ħdimt bħala ġurnalist ma' ġurnal bl-Ingliż u minn hemm kont mort naħdem fix-xandir televiżiv. Kienet esperjenza sabiħa, kont l-ewwel ġurnalist Malti li għamilt kummentarju dirett bil-Malti ta' finali tat-Tazza tad-Dinja u aktar tard ta' logħbiet oħra mportanti. Kien minn hemm li dħalt fl-amministrazzjoni sportiva. L-ewwel kelli esperjenza bħala PRO tal-ASA, wara sirt President tal-klabb tal-waterpolo ta' Marsaxlokk, fejn konna rbaħna l-Kampjonat tat-Tieni Diviżjoni u aktar tard ħdimt fil-kumitat ta' Marsaxlokk F.C. Finalment kont ġejt avviċinat minn diversi persuni u assocjazzjonijiet varji biex insieħeb lill-Kumitat Olimpiku Malti. Naħseb hija l-ħolma ta' dawk kollha fl-isport li xi darba jaħdmu fi ħdan il-KOM. Dħalt fl-Eżekuttiv u b'hekk meta tfajt in-nomina tiegħi għall-kariga li qiegħed nokkupa preżentament, kelli sostenn qawwi u l-lum ninsab hawn bħala Direttur Sportiv. Onestament naħseb li qatt ma kont nobsor li kont se nokkupa din il-pożizzjoni fi żmien relativamment daqshekk qasir. Fiċ-ċirkostanzi deherli li kelli naċċetta din il-pożizzjoni u mill-ewwel ġurnata bdejt naħdem bis-sħiħ.

***Ftit xhur ilu sirt ir-riferiment għall-assoċazzjonijiet nazzjonali, jew aħjar id-Direttur Tekniku tal-KOM, pożizzjoni li ġġib magħha responsabbiltà kbira. Kif kienu l-ewwel jiem fl-uffiċju u kif tikkummenta t-transiżżjoni minn dak li sibt għal dak li tixtieq twassal?***

Bla dubju ta' xejn kienu mumenti diffiċli u dan għaliex ħadt il-kariga propju xahrejn qabel żewġ avvenimenti kbar, il-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar u l-Logħob tal-Mediterran. Ħafna qaluli li kien riskju kbir li kont qiegħed nieħu. Qaluli jekk jasal is-suċċess, mela dan ikun wasal bis-saħħa ta' qablek, iżda jekk jiġi xi diżappunt, allura dan ikun tort tiegħek. Għalhekk din kienet xi ħaġa li bdejt nistennija. Jiena dħalt f'din il-kariga għaliex dejjem emmint li stajt nagħti kontribut u s'issa għad ma kelliex iċ-ċans biex nesprimi l-idejat tiegħi. Fil-fatt hekk kif ngu lura mil-Logħob mistenni npoġġi bil-qiegħda flimkien mal-Kummissjoni Teknika u flimkien nippreżentaw programm ġdid lill-Kumitat Eżekuttiv tal-KOM. Dan għandu jinkludi kriterji ta' kif jintgħażlu l-atleti li jkunu se jmorru jieħdu sehem barra l-pajjiż, is-sistema ta' fondi u kif ukoll iċ-Ċentru ta' Eċċellenza li għandu jgħin bil-kbir fil-preparazzjoni tal-atleti lokali. Irridu ż-żmien, ħadd ma jista jiġġudika issa, iżda l-kontijiet iridu jsiru lejn it-tmiem tat-terminu tiegħi fl-2012.

*L-ewwel avveniment kbir fil-kariga l-ġdida esperjenzajtu f'Ċipru. Dawn il-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar kienu disfatta għall-isport Malti. Taqbel miegħi u x'inhuma l-fatturi prinċipali li wassluna biex niksbu l-agħar riżultati wara tant snin?*

Naħseb ftit naqbel li l-esperjenza Ċiprijotta kienet biss disfatta. Jiena meta ġejt mistoqsi mill-ġurnalisti qabel il-logħob dwar kemm konna se nirbħu midalji, kont għidtilhom 21 midalja. Fil-fatt ma kontx naħseb li naqta bl-eżatt, iżda kont qiegħed inbassar dan minn qabel ma rbaħniex aktar seħħ minħabba tliet fatturi prinċipali. Wieħed mill-fatturi kien dak tal-injuries. Jiena sibt ma' wiċċi ammont kbir ta' injuries, fl-aktar dixxiplini starteġiċi, fosthom l-atletika. Kellna atleti bħal Rachid Chouhal u Diane Borg li kienu ilhom isofru minn problemi saħansitra mill-2007. Meta dħalt fil-kariga u rajt dan kont bagħat lil dawn iż-żewġ atleti f'Ruma għall-kura u salvajnihom fl-aħħar, tant li l-prestazzjonijiet tagħhom kienu sodisfaċenti. Fattur ieħor detrimentali kien dak li jirrigwardja d-dixxiplina tat-Table Tennis. Hawn hekk kellna nibnu mill-ġdid lil dan it-tim u dan wara ittra anonima li l-Kumitat Organizattiv kien irċieva, ittra li spjegat dettalji dwar l-atleti tagħna u li dawn ma kienux eleġibbli sabiex jipparteċipaw fil-logħob. Din kienet ħasda għalija għaliex ma kontx naf li dawn ma setgħux jieħdu sehem, fil-fatt ħafna minnhom kienu diġa' ħadu sehem f'edizzjonijiet fil-passat u b'hekk spiċċajna ridna nippjanaw kollox mill-ġdid ftit jiem qabel l-avveniment. F'din id-dixxiplina tlifna midalji mportanti ħafna. Diżappunt ieħor kien kif ċerti atleti sparixxew mix-xena, fosthom Ryan Gambin u Madeleine Scerri, atleti li setgħu jiggarantixxu diversi midalji għal Malta. Meta tqis dan kollu naħseb li 21 midalja kien numru sodisfaċenti għal din l-edizzjoni. Il-KOM qatt ma kien joħlom li nirbħu midalja fil-ġinnastika jew fl-indoor shooting u b'hekk u dejjem kif kienu iċ-ċirkostanzi, ninsab ottimist għal futur aħjar.

*Pippo Psaila li kien fil-kariga qablek, esprima d-diżappunt tiegħu dwar dak li seħħ f'Ċipru, iżda aktar minn hekk, esprima kritika dwar il-programm ta' preparazzjoni għal dawn il-logħob u finalment saħaq li bil-miżuri li ħa l-Kumitat Eżekuttiv tal-KOM, il-pożizzjoni ta' Direttur Tekniku tal-iSport, li huwa l-aktar bniedem kritiku fit-triq għas-suċċess, kienet imdgħajjfa. Kemm taqbel mal-kritika tiegħu u x'inhi r-reazzjoni tiegħek għall-kummenti tal-predeċessur tiegħek?*

Naqbel li l-pożizzjoni tad-Direttur Sportiv iddgħajfet xi ftit u dan wara d-deċiżjoni li ħa l-Kunsill. Il-lum id-Direttur m'għadux il-bniedem suprem, dak li waħdu jista' jieħu d-deċiżjonijiet kollha. Il-poteri aktar milli naqsu, naħseb aktar ġew iċċarati. Għal dik li hija kritika lejn ir-riżultati, naħseb meta wieħed iqis li jien ilni biss tliet xhur f'din il-pożizzjoni u ħadd ieħor kien ilu s-snin, naħseb ħadd ma jista' jgħid li r-responsabbiltà hija kollha tiegħi. Inħalli n-nies jiġġudikaw, jekk kien hemm xi tort, żgur li dan m'għandux jieħdu bniedem li għadu kif daħal fil-kariga. Jien dejjem naħdem bis-saħħa ta' tim, kapaċi nieħu r-responsabbiltà kemm waqt is-suċċess u kif ukoll waqt id-disfatti u b'dan f'moħħi, flimkien mat-tim tiegħi nippreparaw bis-sħiħ biex għall-Logħob ta' Liechtenstein 2011 inkunu ppreparati kif suppost. Ma ninsewx li l-midalji tagħna ilhom jonqsu mis-sena 2003 u din il-problema ftit kienet indirizzata. Iżda mhux li nagħmlu l-paraguni hija l-akbar prijorità tal-lum. Irridu naħdmu biex fil-futur niggarantixxu suċċessi akbar u aktar midalji u dan fid-dawl li l-kompetizzjoni se tkun aktar iebsa bl-introduzzjoni tal-Montenegro.

> "Ma ninsewx li l-midalji tagħna ilhom jonqsu mis-sena 2003 u din il-problema ftit kienet indirizzata"
>
> – Mark Cutajar, Direttur Sportiv KOM

*Mil-lat fiżiku kellna ħafna atleti li ma kienux fil-massimu tagħhom, Minn dak psikoloġiku bagħtejna wkoll. Għalfejn qiegħdin nibqgħu nesperjenzaw dawn is-sitwazzjonijiet u problemi li dejjem nitkellmu fuqhom, iżda li wkoll dejjem jirripetu ruħhom?*

Wasal iż-żmien li nibdew nipprevedu u nipprevjenu dawn l-injuries li qiegħdin iħalluna fuq sieq waħda. Nieħu eżempju l-atletika. Hemm min jikkumenta li l-korsa qiegħda twassal għal dawn l-injuries, oħrajn qalu li l-isforz li għamlu l-atleti biex jilħqu l-ħinijiet stabbiliti wassal għal diversi injuries. Tkellmu dwar ħafna ipoteżi u trid tisma lil kulħadd, iżda naħseb li jekk l-atleti u l-kowċis jkunu aktar professjonali u l-preparazzjoni ssir fuq medda itwal ta' żmien, allura nibdew nevitaw ħafna mill-problemi li ilna nitkellmu dwarhom. Fattur ieħor huwa dak tal-mediċina sportiva. Naħseb li hemm bżonn li jsir investiment akbar f'dan ir-rigward u dan biex kull atleta Malti jieħu gwadann akbar.

*Fi żmien Pippo Psaila t-tragwardi fir-rigward tal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar kienu jkunu dawk tar-rebħ, meta ħadt it-tmexxija f'idejk bqajt tħares lejhom bl-istess lenti jew imbidlu l-għanijiet?*

Fl-opinjoni tiegħi l-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar għandhom ikunu t-tarġa lejn avvenimenti ferm akbar, fosthom dawk tal-Mediterran, tal-Commonwealth u kif ukoll dawk Olimpiċi. Kien għalhekk li l-KOM għażel li jinvesti fiż-żgħażagħ għal Ċipru u l-messaġġ li ried jagħti l-KOM naħseb li wasal u li ntlaħaq. Diversi atleti żgħar rebħu midalji f'Ċipru u l-bażi tagħna biex naslu sa tragwardi akbar għandha tkun dik.

*Kulħadd fil-kamp sportiv jirrimarka li l-investiment finanzjarju fl-isport għandu jikber aktar u dan biex inkunu nistgħu nilħqu livelli aktar għolja. Li kieku dawn il-flus kellhom jaslu, fejn taħseb li jkun għaqli ji jintefqu?*

Kull min hu fl-isport jaf li l-flus fihom infushom ma jrebbħux midalji, iżda fl-istess waqt mingħajrhom ma tistax tasal biex tirbaħ, għaliex ir-rebħ ikun ippjanat u warajh ikun hemm sagrifiċċji kbar. L-investiment sportiv irridu nżiduh mhux biss min-naħa tal-Gvern Ċentrali, iżda wkoll min-naħa tal-privat, li jrid jifhem li l-isport huwa fundamentali għal ħajja aħjar u li dan finalment jista' jrendi mill-lat finanzjarju. L-Assoċjazzjonijiet iridu wkoll jinvestu aktar fl-amministrazzjoni u dan biex ikollhom sisien sodi, jaħdmu aktar bis-sens u għaldaqstant ikunu jistgħu joperaw b'mod aħjar. Iżda mhux biss is-Segretarjat għandu jittranġa għall-aħjar, irid isir xogħol kbir min-naħa ta' marketing u dan biex inbiegħu l-prodott sportiv u niġbru l-fondi neċċessarji għal tmexxija tajba.

*X'inhuma l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet li rridu nindirizzaw fix-xhur u s-snin li ġejja biex nikkompetu b'mod aħjar?*

Il-limitazzjonijiet ta' Malta kulħadd jafhom u kulħadd jitkellem fuqhom, iżda nemmen li nistgħu nagħmlu aktar. Irridu nkunu ferm aktar professjonali fil-mentalità tagħna, aspett li jkun jista' jwassalna biex nikbru u ngħolew fil-livell. Għandna diversi problemi u għalhekk hemm bżonn li niġbdu ħabel wieħed, l-amministratturi, l-atleti u l-uffiċjali. Irrid nara aktar rabja meta nitilfu, irrid li l-passjoni tikber, irrid li nemmnu fil-kapaċitajiet tagħna u ma nqisuniex inferjuri. Dawn huma prijoritajiet li jagħmlu atleta normali jasal biex isir atleta mondjali. Aktar ħtiġijiet għandna bżonnhom fis-settur tal-coaching, tal-infrasstruttura, tal-psikoloġija sportiva, tal-mediċina sportiva u tal-kompetizzjoni internazzjonali. Biex l-isport Malti jiżviluppa aktar irridu nkomplu naħdmu fuq dawn il-prijoritajiet u l-ħtiġijiet li semmejt.


Carol Walsh għal darb'oħra tikseb riżultat pożittiv fl-10,000 metru


Waqt iċ-ċerimonja tal-ftuħ

CYPRUS 2009

## Żmien ta' analiżi:

# MALTA fis-sitt post b'21 midalja mirbuħa

"Inġeddu l-appuntament għal manifestazzjoni ta' sport għall-atleti tal-iStati Żgħar tal-Ewropa għal minn hawn u sentejn oħra f'Liechtenstein"

**– dak kien il-messaġġ ewlieni waqt ċerimonja simbolika li fis-6 ta' Ġunju, f'Nicosia, ġabet fi tmiem it-13 –il edizzjoni tal-Logħob għall-iStati Żgħar tal-Ewropa. Ċerimonja fejn atleti u uffiċjali mit-tmien nazzjonijiet Ewropej li ħadu sehem, kif inhi t-tradizzjoni, ħarġu kollha flimkien wara l-bnadar tal-pajjiżi parteċipanti.**

U jekk għaċ-ċerimonja tal-ftuħ, li saret fl-1 ta' Ġunju, il-Kumitat Olimpiku Malti kien għażel lill-ġinnasta żgħażugħa ta' 13 –il sena Adreana Zammit, li flimkien mall-ġinnasti l-oħra ma ddiżappuntatx bir-rebħ tal-midalja tal-bronż flimkien ma' Nicole Pace u Kirsty Caruana, għaċ-ċerimonja tal-egħluq il-Kumitat Olimpiku Malti għażel lil Thomas Zammit Tabona, żagħżugħ ta' 15 –il sena li kien għadu kemm rebaħ il-midalja tad-deheb fid-dixxiplina tal-ibburdjar.

**Skont l-Imħallef Lino Farrugia Sacco, President tal-Kumitat Olimpiku Malti, " L-għażla ta' dawn l-atleti biex iġorru l-bandiera Maltija u jkunu kburin li għamlu dan hija waħda sempliċi. Dik li l-KOM irid iwassal messaġġ ħaj lejn iż-żgħażagħ, dak li bl-isport, b'sagrifiċċju u dedikazzjoni jistgħu jirnexxu u jaslu għal dak li jkunu ħejjew għalih b'tant serjetà. L-impenn tal-KOM jibqa' wkoll iffokat lejn iż-żgħażagħ."**

Il-parteċipazzjoni ta' **TEAM MALTA** f'Ċipru ġabet fi tmiem kapitlu ieħor fl-istorja tal-isport f'pajjiżna. Kienet parteċipazzjoni li wieħed jista' jħares lejha minn żewġ lati differenti. Il-lat pożittiv għar-rebħ ta' diversi midalji li taw indikazzjoni ċara li hemm element ta' sport f'pajjiżna, element żgħażugħ li kapaċi jiżviluppa u hemm lok fejn jiżviluppa u l-lat negattiv fejn bla dubju minħabba ċerti fatturi il-miri li oriġinarjament kienu mbassra ma ntlaħqux.
Kif ħareġ biċ-ċar mill-laqgħa mal-istampa li saret jumejn wara li l-kontinġent Malti rritorna minn Nicosia u Limassol, kienu diversi fatturi li waslu għal dan. Il-fatt li fl-għawm ftit xhur qabel il-logħob, l-għawwiema Ryan Gambin u Madeleine Scerri protagonisti għal Team Malta ftit xhur qabel f'Beijing, għal xi raġuni għażlu li ma jikkompetux, kif wkoll dwar dak li seħħ fit-table tennis. Is-selezzjoni Maltija kellha tkun differenti minn dik oriġinali. Dan minbarra numru sostanzjali ta' atleti mweġġa li tefgħu lura l-possibilitajiet għar-rebħ akbar ta' midalji .

**Din it-tlettax –il edizzjoni tal-loghob ipproduċiet ukoll fattur pożittiv ħafna, b'atleti ta' anqas minn 20 sena jkunu fost il-protagonisti, fosthom il-ġinnasti Adreana Zammit, Nicole Pace u Kirsty Caruana, it-tiratur Clive Farrugia rebbieħ ta' midalja tal-bronż fl-iskeet, il-plejer tat-table tennis Daniel Bajada li rebaħ tliet logħbiet kontra avversarji ferm aktar ikkwotati u sar l-ewwel plejer Malti f'dan l-isport li għamel dan, fl-ibburdjar Thomas Zammit Tabona ddomina l-kategorija tiegħu u rebaħ il-midalja tad-deheb, William Vella fl-air pistol sar l-ewwel Malti li rebaħ midalja. Fit-tennis tan-nisa wara nuqqas ta'snin, Kim Cassar u Elaine Genovese, rebħu l-bronż fid-doubles. Wieħed ma jistax ma jsemmix ukoll l-għawwiema nisa , kollha żgħażagħ u li bid-diffikultajiet kollha kisbu wkoll żewġ rekords nazzjonali ġodda. Il-judokas Marcon Bezzina u Joanne Camilleri, li minkejja ma rebħux il-midalji tad-deheb kif konna drajna kull meta ħadu sehem, xorta waħda ġew lura bil-bronż flimkien mal-judokas l-oħra.**



Il-kontinġent Malti waqt iċ-ċerimonja tal-ftuħ


Daniel Bajada fl-azzjoni


Waħda mill-Atleti Maltin fid-dixxiplina tal-għawm

U flimkien ma' sport għal kollox ġdid fil-kalendarju tal-Logħob bħall-Beach Volley u l-Mountain Bike, kienet ukoll edizzjoni li kkonfermat il-potenzjal ta' William Chetcuti fid-double trap, il-midalja tad-deheb tat-tim Nazzjonali tan-Nisa mmexxi minn Santino Coppa u l-captain Caroline Fenech u kif ukoll l-element ta' esperjenza tat-tiratur Nazzareno Attard li f'egħluq it-53 sena rebaħ il-midalja tal-fidda fit-trap. L-atleta simbolu tal-isport fi ħdan in-nisa, Carol Walsh, fid-disa' parteċipazzjoni tagħha f'dan il-logħob, żammet mal-aspetazzjonijiet u ta' 46 sena rebħet il-bronż fl-10, 000 metru. Ir-riżultati l-oħra huma magħrufa, atleti bħal Mario Bonello u Nicolai Portelli għal mod pożittiv ta' reazzjoni fit-track, li mhux biss wassal għal rebħ ta' midalji, iżda wkoll irnexxielhom jistimolaw lil sħabhom fit-tim tar-relay u kif ukoll lill-atleta promettenti James d'Alfonso.

Malta għalqet l-impenji tagħha bir-rebħ ta' 21midalja. Dawn intrebħu hekk: 3 deheb, 5 fidda u 13 bronż. B'hekk Malta kklassifikat fis-sitt post, bir-rebbieħa jkunu l-organizzaturi Ċiprijotti b'total ta' 139 midalja li 59 minnhom kienu tad-deheb. Warajhom spiċċaw l-Iżlanda b'81, il-Lussemburgu b'62, Monaco b'42, San Marino b'29, Malta b'21, il-Liechtenstein b'18 u Andorra fl-aħħar post b'17 -il midalja.

L-aħħar midalji ta' Malta ntrebħu fl-atletika minn Nicolai Portelli u t-tim tar-relay 4 x 100m irġiel (fidda) u t-tim tar-relay 4 x 400m relay irġiel, Giselle Camilleri (bronż) u Simon Gerada fit-Table Tennis (bronż).


William Chetcuti fuq il-podju f'Ċipru


Maya Podesta rebbieħa ta' midalja tal-fidda fl-Ibburdjar


Ir-rebbieħa kollha fil-kategorija tal-iSparar



It-tfajliet tal-Ġinnastika flimkien mal-uffiċjali




Adreana Zammit fl-azzjoni fid-dixxiplina tal-Ġinnastika

# Il-midlalji kollha li ntrebħu mill-Maltin kienu dawn:

**Deheb** - William Chetcuti (Sparar), Tim tan-Nisa (Basketball), Thomas Zammit Tabona (Ibburdjar)

**Fidda** - James D'Alfonso, Nicolai Portelli, 4x100m relay Irġiel (Atletika), Nazzareno Attard (Trap), Maya Podesta (Ibburdjar)

**Bronż** - William Vella, Clive Farrugia (Sparar), Brent Law, Marcon Bezzina, Joanna Camilleri, Kriss Law (Judo), Tim tat-Tfajliet, Kirsty Caruana (Ġinnastika), Carol Walsh, Giselle Camilleri, 4x400m relay Irġiel (Atletika), Tim tad-Doubles Nisa (Tennis), Simon Gerada (Table Tennis)

**Il-midalja tal-Fair Play intrebħet minn Monaco.**



It-tim Malti tar-Relay 4x400m rebbieħ ta' midalja tal-bronz



# THE PHYSICALLY HANDICAPPED REHABILITATION FUND

## SPORTS DAY tagħlaq l-istaġun

L-għaqda Physically Handicapped Fund ġiet imwaqqfa, fl-1946, u minn dejjem iddedikat ħidmitha biex toffri opportunitajiet u faċilitajiet lil dawk fiżikament handicapped. L-isport minn dejjem kien prijorità għall-Għaqda u għal dawn l-aħħar tletin sena ġew organizzati diversi attivitajiet sportivi fiċ-Ċentru tal-Għaqda, f'Kordin. Is-sezzjoni sportiva tiegħu ħsieb li matul is-sena jkunu organizzati kompetizzjonijiet varji, fosthom Table Tennis, Carpet Bowling, Tetra Class, Table Tennis, Snooker u Pool.

**Din is-sena l-iSports Day saret nhar is-Sibt, 30 ta' Mejju, u kienu organizzati kompetizzjonijiet tal-Weightlifting u s-Slalom, tas-Shot, il-Javelin, id-Discus u oħrajn. Wara nofs in-nhar saru t-tlielaq bil-wheelchairs, l-esibizzjoni tal-Basketball u finalment kollox ingħalaq bil-preżentazzjoni tal-midalji.**

Sa mill-1957 atleti membri tal-Għaqda pparteċipaw mhux biss f'attivitajiet lokali, iżda wkoll ħadu sehem fil-kamp internazzjonali. Fosthom atleti Maltin ipparteċipaw fl-iStoke Mandeville Games u l-Olimpjadi Paraolimpiċi u rnexxielhom jirbħu 6 midalji tad-deheb, 12 tal-fidda u 18 tal-bronż. Dawn is-suċċessi waslu bejn l-1957 u l-1995. Sfortunatament wara dan




il-perjodu l-parteċipazzjoni barra minn xtutna naqset minħabba l-aspett finanzjarju li dawn l-esperjenzi kienu jirrikjedu. Fl-1958, kien ġie ffurmat kumitat u b'ħidma kollettiva ntbagħat tim tal-Basketball biex jikkompeti barra pajjiżna. Sena wara, il-parteċipanti żdiedu, biex l-akbar kontinġent ta' atleti membri li qatt ħa sehem fil-kamp internazzjonali, kien grupp ta' 22 atleta. Dawn kienu rrappreżentaw lil Malta fil-logħob ta' Ruma. Hemm intrebħu 2 midalji tad-deheb, 2 tal-fidda u 1 tal-bronż. John Micallef kien rebaħ id-deheb fl-għawm, Angel Scicluna rnexxielha tirbaħ deheb fid-dixxiplina tas-shot, Claude Markham rebaħ midalja tal-fidda fis-shot ukoll, Moses Azzopardi rebaħ il-fidda fit-table tennis u George Portelli kien rebaħ midalja tal-bronż fl-isnooker. Sena li tibqa' rikordju sabiħ kienet l-1970 meta f'Stoke Mandeville, Claude Markham rebaħ il-fidda fl-isnooker, Victor Galea rebaħ ukoll fidda fil-100 metru bil-wheelchair u Marthese Micallef rebħet il-fidda wkoll fis-60 metru bil-wheelchair. F'Edinburgh fl-iSkozja saru l-Logħob tal-Commonwealth u hemmhekk ukoll irbaħna aktar midalji. Claude Markham u Marthese Micallef rebħu midalja tal-bronż kull wieħed fis-shot u fid-discus, filwaqt li Victor Galea rebaħ żewġ midalji tal-fidda fl-400 metru u l-800 metru bil-wheelchair. Fl-1977, Marthese Micallef rebħet midalja tal-fidda fil-bowling u fl-Olimpjadi tal-1980 li kienu saru fl-Olanda, it-tim tal-bowling magħmul minn Connie Camilleri u Lilian Sammut rebħu l-midalja tal-bronż.

L-għan ewlieni dejjem kien dak li l-atleti tagħna jaslu kemm jista' jkun sal-final, iżda mhux biss, dawn l-attivitajiet iservu wkoll biex l-atleti jaqsmu l-esperjenzi tagħhom ma' persuni oħra bħalhom u li jkunu ġejjin minn madwar kulturi differenti. Ir-riabilitazzjoni permezz tal-isport minn dejjem kien l-akbar tragward. Dedikazzjoni u taħriġ iebes wassal prova ċara li l-atleti li tul iż-żmien ipparteċipaw f'dawn l-avvenimenti sportivi fil-fatt mhumiex diżabbiltati iżda handicapped u dan kollu ma jżommhomx milli jilħqu l-objettivi tagħhom fil-ħajja u milli jgħixu ħajja normali.



WasteServ Malta Ltd

# L-ewwel parti tal-impjant f'Sant'Antnin

# QEGĦDHA TAĦDEM



**Issa li l-faċilità ta' Sant' Antnin għall-Irkupru ta' Materjal Riċiklabbli (*Material Recovery Facility*) qegħdha topera, beda jiġi pproċessat fih l-iskart riċiklabbli bħal Karta, Plastik, u Metall. L-impjant immodernizzat qiegħed jgħin biex inħarsu l-ambjent u nnaqsu l-iskart li jidħol fil-landfill.**

## ISSA JMISS LILEK LI TAGĦMEL IL-BIĊĊA TIEGĦEK U TIBDA TISSEPARA L-ISKART!

*Dan il-proġett qed jgħin biex jitnaqqsu d-differenzi ekonomiċi u soċjali bejn iċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea*

**FOND TA' KOEŻJONI GĦAL MALTA 2004-2006**
**PROĠETT KO-FINANZJAT MILL-UNJONI EWROPEA**
**RATA TA' KO-FINANZJAMENT: 70%**

# Exercising in Summer




Now that Summer is here, the heat and sun element have to be taken into account while exercising. Certain precautions must be followed if one is to avoid the deleterious effects of too much sun and heat. Remember although normally the effects of overexposure are more bothersome rather than serious, they can have disastrious consequences. In theory you should not increase your training loads when in the middle of Summer but the reality is that most sports undertake their off- or pre- season during this period.

The simplest thing to do is avoid the hottest parts of the day to exercise. Ideally you utilise shady areas as much as possible or at least rest in the shade during the breaks ( on a more frequent basis). Fluids must be imbibed aplenty ( around every 15 minutes) and although sports drinks do have their uses, in this case water and electrolyte (salt) drinks should be prioritised. If you are swimming, it does not mean that you do not need to drink, rather the opposite as although you might be feeling cool you are still losing body fluids through sweating.



Your clothing apparel does make a difference. Dark clothes keep more heat and non wicking fabrics (non breathable), have the horrid tendency of letting you drip sweat. Visible sweat that accumulates in pools means that it is not evaporating and therefore not helping you cool down. The clothes must also be loose fitting and comfortable. Wearing a hat or at least a cap does make a difference. Nowardays there are specific choices that still allow you to sweat through the hair, so no excuses. The same applies for sunglasses that protect from UVA and UVB. Obviously if used in [illegible]act sports at least make sure they are sport specific and will not cause harm if hit directly, by for example a volleyball.

Something important to remember is that when exposed to regular bouts of exercise in the heat, the body will tend to acclimatise. That is, we start to adapt to the increased temperatures. Hence, if starting an exercise programme in Summer you ideally start and progress slowly therfore giving time for the body's adaptations to kick in. This strategem hold true for all exercise programmes (slow but steady increases), but even more so for training in the heat.

Sunburn is to be avoided at all costs, as besides being uncomfortable and painful, it also decreases the body's capacity to sweat and adapt to the heat. Besides the various precautions mentioned above one must use a sport specific sunblock with a very high factor. The new products on the market are more waterproof and tend to smear less, therefore avoiding that bothersome stinging of the eyes and slippy hands. However they still need to be reapplied regularly as we all tend to dry owerselves often with a towel to remove the sticky sweaty feeling, besides the obvious loss due to the sweating process.

Special precautions must be taken among the children and elderly. They tend to drink only if told (as their thirst reflex is not so fine tuned) and their skin is more friable. Besides, their bodies do not adapt so well to the heat and therefore things have to be taken even more slowly.






See the full range of phones at any GO outlet, the GO Trade fair stand or any authorised dealer. To benefit from this offer please call 50705070 from your newl
is valid until 31 July 2009 or until stocks last. Phones may be network locked and come with a 2 year warranty. Terms and conditions apply.




purchased phone. The free talk-time is valid for calls to all GO mobile numbers and is awarded in equal batches per month starting September 2009. This offer




Kampjonat Premier

# Alex Borg jegħleb lil Duncan Bezzina 7-2 u jirbaħ it-titlu għad-disa' darba

Alex Borg irnexxielu jirbaħ il-Kampjonat Malti tal-iSnooker għad-disa' darba meta fil-finali għeleb lil Duncan Bezzina bil-punteġġ ta' 7-2. Wara li mar frame minn taħt, Borg rebaħ ħames frames b'breaks ta' 58, 79, 68 u 56 rispettivament, biex sa l-intervall kien 5-1 minn fuq. Huwa kompla jżid id-distakk meta wara l-mistrieħ rebaħ is-seba' frame, b`Duncan Bezzina jirrispondi bir-rebħ ta' ieħor, biex għamel l-iskor 6-2. Fil-frame ta' wara Alex Borg irnexxielu jagħmel break ta' 60 biex għalaq il-logħba għal 7-2 favur tiegħu. Il-frames kienu dawn: (Borg l-ewwel) 36-60, 78-36, 72(58)-7, 83(79)-29, 93(68)-1, 59(56)-20, 65-22, 40-66 u 108(60)-23.
Fil-kwarti-finali, Alex Borg għeleb lil Arthur Cachia bil-punteġġ ta' 5-0, filwaqt li fis-semi-finali għeleb lil Saviour Brignone bil-punteġġ ta' 6-1. Min-naħa tiegħu Duncan Bezzina, li għalih din kienet it-tieni darba li wasal fil-finali tal-Kampjonat Premier, għeleb lil Simon Zammit bil-punteġġ ta' 5-2 fil-kwarti-finali u lil Simon Camilleri bil-punteġġ ta' 6-3 fis-semi-finali.

## Il-finali kollha tal-Kampjonat Premier matul l-aħħar snin kienu dawn:

| |
|---|
| 1996-97 – Joe Grech v Alex Borg 8-7 |
| 1997-98 – Alex Borg v Joe Grech 8-7 |
| 1998-99 – Joe Grech v Alex Borg 8-6 |
| 1999-00 – Joe Grech v Simon Zammit 8-4 |
| 2000-01 – Alex Borg v Simon Zammit 8-5 |
| 2001-02 – Simon Zammit v Alex Borg 8-6 |
| 2002-03 – Alex Borg v Duncan Bezzina 8-2 |
| 2003-04 – Alex Borg v Joe Grech 8-4 |
| 2004-05 – Alex Borg v Simon Zammit 7-4 |
| 2005-06 – Alex Borg v Simon Zammit 7-2 |
| 2006-07 – Alex Borg v Simon Zammit 7-4 |
| 2007-08 - Alex Borg v Simon Zammit 7-3 |
| 2008-09 – Alex Borg v Duncan Bezzina 7-2 |

Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni

Frans Mintoff għeleb liż-żagħżugħ ta' 18-il sena, Thurston Grixti bil-punteġġ ta' 6-2, biex finalment rebaħ il-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni. Grixti fetaħ tajjeb meta mar frame minn fuq, iżda Mintoff irnexxielu jirbaħ it-tliet frames ta' wara biex mar 3-1 minn fuq. Grixti rebaħ il-ħames frame wara li għamel break ta' 44 u sal-mistrieħ kien 3-2 minn taħt. Wara l-mistrieħ Mintoff mar 4-2 minn fuq biex fis-seba' frame Thurston Grixti għamel break ieħor ta' 44. Mintoff kellu juża l-esperjenza kollha tiegħu biex finalment rebaħ dan il-frame fuq is-sewda. Il-frames kienu dawn: (Mintoff l-ewwel) 39-74, 63-29, 61-1, 58-35, 23-75(44), 67-7, 76-66(44) u 66-38. Kemm Mintoff u kif ukoll Grixti ġew promossi għall-Kampjonat Premier.
Frans Mintoff għeleb lil Bruce Licari 5-4 fil-kwarti-finali, filwaqt li fis-semi-finali Mintoff għeleb lil Andre Pace bil-punteġġ ta' 5-1. Thurston Grixti għeleb lil Marius Gatt 5-0 fil-kwarti-finali, filwaqt li fis-semi-finali Grixti għeleb lil Frans Abdilla bil-punteġġ ta' 5-2.



# Frans Mintoff jegħleb lil Thurston Grixti 6-2 fil-finali



## Kampjonat tat-Tieni Diviżjoni

# Emmanuel Mallia jirbaħ b'rebħa ta' 5-3 fuq Jesmond Schembri

Emmanuel Mallia rebaħ il-Kampjonat tat-Tieni Diviżjoni b'rebħa ta' 5-3 fuq Jesmond Schembri. Il- frames ta' din il-logħba kienu dawn: (Mallia l-ewwel) 56-40, 58-63, 27-68, 62-14, 71-53, 22-52, 59-34 u 56-20. Iż-żewġ plejers ġew ukoll promossi għall-Ewwel Diviżjoni.
Fil-kwarti-finali Emmanuel Mallia għeleb lil Mark Abela 4-3, filwaqt li fis-semi-finali għeleb lil Rudolph Gellel bil-punteġġ ta' 4-1. Min-naħa tiegħu, Jesmond Schembri għeleb lil Emmanuel Fiott bil-punteġġ ta' 4-1 fil-kwarti finali u lil Paul Tabone 4-1 fis-semi-finali.

## Kampjonat tat-Tielet Diviżjoni

# Stephen Mangion jegħleb lil Ivan Attard 5-4 f'logħba bilanċjata

Il-battalja qalila bejn żewġ plejers li ftit tas-snin ilu kienu t-tnejn jilgħabu fl-ogħla diviżjoni, spiċċat b'rebħa għal Stephen Mangion li għeleb lil Ivan Attard bil-punteġġ ta' 5-4. Il-logħba damet aktar minn 4 siegħat biex intemmet. Fil-kwarti-finali Mangion għeleb lil Kevin Vella bil-punteġġ ta' 3-2, filwaqt li Attard għeleb lil Noel Dark bil-punteġġ ta' 3-0. Fis-semi-finali Stephen Mangion għeleb lil Roderick Zammit 4-0, filwaqt li Ivan Attard għeleb lil Marcel Micallef 4-3.







## Kampjonat U/16

# Chris Peplow jegħleb lil Brandon Farrugia 5-0 fil-finali

Christopher Peplow rebaħ il-Kampjonat tal-U/16 għall-ewwel darba meta fil-finali għeleb lil Brandon Farrugia bil-punteġġ ta' 5-0. Il-frames (Peplow l-ewwel) kienu dawn: 53-38, 51-34, 72-42, 57-28 u 59-34. Fis-semi-finali Peplow għamel break sabiħ ta' 56 u għeleb lil Matthew Zammit bil-punteġġ ta' 3-0, filwaqt li Brandon Farrugia għeleb lil Wayne Pace 3-0. Fl-2006 dan il-kampjonat kien intrebaħ minn Thurston Grixti meta fil-finali kien għeleb lil Wayne Pace 5-0, filwaqt li fl-2007 il-kampjonat kien intrebaħ minn Shaun Sultana meta fil-finali kien għeleb lill-istess Wayne Pace bil-punteġġ ta' 5-4. Is-sena l-oħra dan il-kampjonat ma ntlgħabx.
Christopher Peplow u Brandon Farrugia issa mistennija jirrappreżentaw lil Malta fl-Invitational European U/17 Snooker Open li se jsir bejn il-5 u l-10 ta' Jannar 2010. Hemm possibilità kbira li ż-żewġ semi-finalisti, Matthew Zammit u Wayne Pace, jippartecipaw ukoll.

## Il-Finali kollha tal-istaġun 2008-09 kienu dawn:

| | | |
|---|---|---|
| PREMIER: | Alex Borg v Duncan Bezzina | 7-2 |
| L-EWWEL DIVIŻJONI: | Frans Mintoff v Thurston Grixti | 6-2 |
| IT-TIENI DIVIŻJONI: | Emmanuel Mallia v Jesmond Schembri | 5-3 |
| IT-TIELET DIVIŻJONI: | Stephen Mangion v Ivan Attard | 5-4 |
| MASTERS: | Frans Mintoff v Tony Mifsud | 5-4 |
| U/19: | Thurston Grixti v Aaron Busuttil | 5-3 |
| U/16: | Christopher Peplow v Brandon Farrugia | 5-0 |
| TIMIJIET: | Juventutis Domus – Żejtun (Alex Borg, Stephen Mangion u Emmanuel Mallia) v 147 Snooker Hall – Ħamrun (Clayton Castaldi, Bruce Licari u Tony Zarha) | 10-7 |



Tony Drago

INTERNATIONAL SNOOKER OPEN 2009

# Tony Drago jegħleb lil Roy Stolk fil-finali

**Tony Drago kien f'forma eċċezzjonali meta rnexxielu jerġa' jidħol fil-Main Tour mill-istaġun li ġej wara li għeleb lill-Olandiż Roy Stolk fil-finali bl-iskor ta' 5-4. B'din ir-rebħa Drago kiseb suċċess fl-International Snooker Open 2009. Ir-riżultati tal-frames tal-plejer Malti (Drago l-ewwel) kienu dawn: 21-61, 1-85(57), 75(75)-4, 80(80)-1, 61-35, 4-84, 25-87(62), 70-66 u 67(53)-31.**

F'dan it-tournament ħadu sehem erba' plejers Maltin oħra minn total ta' 96 parteċipant, fosthom Alex Borg, Clayton Castaldi, Duncan Pisani u Thurston Grixti. Fi Grupp Ċ, Drago irnexxielu jirbaħ 4 logħbiet, kontra Yvan Van Velthoven (Belġju), John Burgmeijer (Olanda), Thomas Holtschel (Ġermanja) u Geargados Petros (Ċipru). Drago rebaħhom kollha bl-iskor ta' 2-0 biex spiċċa fl-ewwel post fil-grupp tiegħu mingħajr ma tilef frame wieħed. Fl-aħħar 32 tal fażi finali huwa għeleb lil Marcin Nitchke 3-1, filwaqt li fir-round tal-aħħar 16 –il plejer għeleb lil Maurice Le Duc (Olanda) bl-iskor ta' 3-2. Fil-Kwarti-Finali Drago għeleb lil Mariusz Sirkol (Polonja) bl-iskor ta' 4-0, filwaqt li fis-Semi-Finali rebaħ lil Yannick Poulain (Franza) bl-istess skor ta' 4-0. Finalment fil-finali għeleb lil Roy Stolk bl-iskor ta' 5-4 u ttrijonfa b'mod spettakolari. Alex Borg fi Grupp D spiċċa wkoll fl-ewwel post meta rebaħ 4 logħbiet kontra Eddy Kindermans (Belġju), Ingvi Halldorson (Iżlanda), Stefan Kasper (Ġermanja) u Bogdan Cosmaciuc (Rumanija). Huwa rebaħ dejjem bl-iskor ta' 2-0. Huwa tilef logħba waħda biss kontra Alain Vandersteen (Belġju) bl-iskor ta' 1-2. B'kollox Borg rebaħ 9 frames u tilef 2 biss. Fil-fażi finali huwa rebaħ lil Davy Van Den Abbeele (Belġju) 3-0 u tilef fir-round tal-aħħar 16 kontra in-Norveġiż Kurt Maflin bl-iskor ta' 0-3. Clayton Castaldi kiseb it-tielet post fi Grupp O biex għadda mal-aħħar 48 fejn kien ferm żvinturat meta tilef kontra Costas Konnaris (Ċipru) bl-iskor ristrett ta' 2-3. Fil-grupp Castaldi kiseb 4 rebħiet u tilef logħba waħda biss. Ir-rebħiet ġew kontra Olga Zhuravleva (Russja), Alexander Vucetic (Kroazja), Coen Fool (Olanda) u Steve Lemens tal-Belġju. B'kollox fil-grupp Castaldi rebaħ 8 frames u tilef 3.

Thurston Grixti beda tajjeb meta kiseb żewġ rebħiet mill-ewwel fi Grupp Ġ. Dan għeleb lil Marcel Bera (Rumanija) 2-0 u lil Mario Van Herk (Belġju) 2-1. Grixti tilef mal-finalista Roy Stolk (Olanda) bl-iskor ristrett ta' 1-2, ma l-ex Champion Ewropew, Kristjan Helgason (Iżlanda) 0-2 u ma' Alvyn Depoorter (Belġju) 0-2. B'kollox fil-grupp tiegħu Grixti rebaħ 5 frames u tilef 7. Duncan Pisani fi Grupp A rebaħ logħba kontra Noeth Bart (Belġju) bl-iskor ta' 2-0 u tilef 4 logħbiet kontra Mario Guedens (Belġju) 1-2, Igor Figueredo (Russja) 1-2, Mariusz Sirko (Polonja) 0-2 u Brynjan Valdimarson 0-2 (Iżlanda). B'kollox Pisani rebaħ 4 frames u tilef 8.

Il-plejers Maltin għamlu 17 –il break fuq il-50 punt. Drago għamel 11 –il break bl-ogħla wieħed ikun dak ta' 82. Alex Borg għamel 4 breaks bl-ogħla wieħed ikun ta' 116. Thurston Grixti għamel break ta' 55, filwaqt li Clayton Castaldi għamel break ta' 51.



David Hogan



Darren Morgan

## KAMPJONAT EWROPEW 2009

# David Hogan jirbaħ il-Kampjonat Ewropew Tony Drago bl-akbar break

**Għalkemm Tony Drago u Alex Borg kisbu riżultati prestiġjużi meta ż-żewġ plejers waslu sal-Kwarti-Finali u mal-aħħar 16 rispettivament, l-ewforja li konna resqin lejha biex wara tliet snin nerġgħu nirbħu l-Kampjonat Ewropew, sfaxxat fix-xejn hekk kif Drago ġie eliminat miż-żagħżugħ Irlandiż ta' 20 sena David Hogan bl-iskor kbir ta' 5-1. David Hogan sar iċ-Champion il-ġdid Ewropew meta fil-finali għeleb lil plejer Irlandiż ieħor, Mario Fernandez bl-iskor ta' 7-4. Clayton Castaldi, il-plejer Malti l-ieħor li ħa sehem f'dawn il-kampjonati kiseb żewġ rebħiet biss fil-fażi tal-gruppi u għalekk kien eliminat kmieni. Il-konsolazzjoni kienet li kemm Tony Drago u kif ukoll Alex Borg kisbu ħames century breaks kull wieħed, bl-akbar wieħed fil-Kampjonat Ewropew ikun dak ta' Drago b'total ta' 139.**

Fil-fażi tal-gruppi, Tony Drago fi Grupp Ċ, kiseb 5 rebħiet kontra Kristof Vermeiren (Belġju) 4-3, Luc Heirewegh (Belġju) 4-1, Patrick Einsle (Ġermanja) 4-3, Sasa Novak (Kroazja) 4-0 u Yannick Poulan (Franza) 4-2, filwaqt li tilef logħba waħda kontra l-Ingiż, Alfie Burden bl-iskor ta' 1-4. Qabel ma kien eliminat fil-Kwarti-Finali, Drago rebaħ lin-Norveġiż Kurt Maflin 4-1 u lil Mario Guedens tal-Belġju 5-0. Drago għamel 14 –il break fuq il-50, b'5 jkunu century breaks ta' 139, 133, 127, 126 u 104.

Min-naħa tiegħu iċ-Champion Malti u ex-Champion Ewropej fl-2005 u fl-2006 Alex Borg spiċċa fl-ewwel post f'Grupp Ħ meta rebaħ 5 logħbiet. Huwa rebaħ kontra Antti Mannila (Finlandja) 4-1, Ingvi Halldorsson (Iżlanda) 4-0, Jurgen Van Den Bossche (Belġju) 4-1, Michael Zielinski (Polonja) 4-0 u Viacheslav Nezdymovskyi (Ukrajna) 4-0, filwaqt li tilef logħba waħda kontra David Hogan (Irlanda) 1-4 biex hu wkoll għadda għall-fażi-finali. Fir-round tal-aħħar 32, Alex Borg rebaħ lil Peter Bullen tal-Belġju 4-1 u fir-round tal-aħħar 16 tilef bi skor ristrett kontra l-Irlandiż Brendan O'Donoghue bl-iskor ta' 4-5. Borg irnexxielu jagħmel 16 –il break fuq il-50, b'5 minnhom ikunu century breaks ta' 122, 118, 113, 107 u 101 u kif ukoll ieħor ta' 99.

Min-naħa tiegħu Clayton Castaldi rnexxielu jirbaħ biss żewġ logħbiet minn Grupp F u tilef erbgħa, biex finalment spiċċa fir-raba' post tal-grupp u kien eliminat. Castaldi rebaħ kontra Timo Tiusanen (Finlandja) 4-0 u Henrikas Strolis (Litwanja) 4-0. Huwa tilef kontra Mario Guedens (Belġju) 0-4, Philip Williams (Wales) 1-4, Lukas Krenek (Repubblika Ċeka) 3-4 u Roy Stolk 0-4.

### Arthur Cachia jasal sal-Kwarti-Finali u Tony Mifsud mal-aħħar 32

Arthur Cachia rnexxielu jgħaddi għall-Kwarti-Finali fil-Kampjonat Ewropej tal-Masters 2009, iżda kellu jbaxxi rasu kontra

l-qawwa ta` Darren Morgan ta` Wales, ir-rebbieħ finali li spiċċa rebaħlu bl-iskor ta` 0-5. Il-plejer Malti l-ieħor, Tony Mifsud, kien eliminat fil-fażi ta' kwalifikazzjoni. Il-kampjonat intrebaħ minn Darren Morgan li fil-finali għeleb lil Joe Delaney tal-Irlanda bl-iskor ta' 6-3.
Arthur Cachia kiseb riżultati eċċellenti fil-fażi tal-gruppi, iżda għal darb`oħra dan ma kienx biżżejjed biex għall-ewwel darba atleta Malti jirbaħ dan il-Kampjonat.
Fi Grupp D Cachia rebaħ l-erba' logħbiet li lagħab biex spiċċa fl-ewwel post. Huwa rebaħ kontra Roy Easton (Skozja) 3-2, Tryggvi Erlingsson (Iżlanda) 3-1, Erwin Goethals (Belġju) 3-1 u Bambos Kouzis (Ċipru) 3-0. Cachia għadda mill-ewwel għal mal-aħħar 16 fejn rebaħ lil Rene Hemelsoet (Belġju) 4-1, iżda tilef ma' Morgan bi skor kbir ta' 0-5. Cachia rnexxielu jagħmel tliet breaks fuq il-50, breaks ta' 101, 62 u 53.
Min-naħa tiegħu, Tony Mifsud fi Grupp Ċ irnexxielu jirbaħ tliet logħbiet u tilef waħda, biex spiċċa fit-tieni post. Mifsud rebaħ kontra Slawomir Domanski (Polonja) 3-0, Patrick Werrebroeck (Belġju) 3-1 u Gilbert Engelbos (Belġju) 3-2. Mifsud tilef kontra l-Irlandiż Brendan Thomas 2-3. Huwa għadda għall-fażi finali fejn kien eliminat mill-ewwel kontra Ron Jones ta` Wales 1-3. Mifsud għamel break wieħed ta' 54 tul il-kampjonat.

# U/21 INTERNATIONAL SNOOKER OPEN

## Duncan Pisani u Thurston Grixti eliminati fil-Kwarti-Finali

### Żewġ żagħżagħ Maltin, Duncan Pisani u Thurston Grixti, ħadu sehem fl-U/21 International Open li sar ġewwa Duffel fil-Belġju. Huma kisbu riżultati prestiġjużi u fil-fatt irnexxielhom jaslu sal-Kwarti-Finali.

Fi Grupp A, Duncan Pisani spiċċa fit-tieni post minn grupp ta` sitt plejers u b`hekk għadda għall-fażi finali. Huwa rebaħ 4 logħbiet u tilef logħba waħda biss bl-iskor ta' 3-0 kontra Luca Brecel tal-Belġju, li huwa ċ-Champion Ewropew tal-kategorija U/19. L-erba' rebħiet ta` Pisani ġew kontra Nick Jacobs tal-Belġju 3-0, Azijn Kristof tal-Belġju 3-0, Anthony Caron ta' Franza 2-1 u David Corens tal-Belġju 2-1 ukoll.
Fi Grupp Ċ, minn grupp ta` sitt players ukoll, Thurston Grixti rnexxielu jirbaħ tliet logħbiet u jitlef tnejn biex spiċċa fit-tielet post u għadda wkoll għall-fażi finali. Grixti rebaħ kontra Nicky Godeyne tal-Belġju 2-1, Jarl Hinfellaar tal-Olanda 3-0 u Alvyn Depoorter tal-Belġju 3-0. Grixti tilef kontra Jurian Heusdens tal-Belġju 0-3 u Kristof Vermeiren tal-Belgju bl-iskor ta' 1-2 fuq is-sewda, fejn Grixti għamel break ta` 46. Ta` min jgħid li Vermeiren tilef kontra Tony Drago ftit ġranet wara fl-International Open bl-iskor ristrett ta` 4-3.
Fir-round ta` kwalifikazzjoni tal-fażi finali Duncan Pisani rebaħ lil Alexis Callwaert ta` Franza 3-1 biex għadda għall-Kwarti-Finali, filwaqt li Thurston Grixti għadda għall-Kwarti-Finali wkoll meta għeleb lil Kashkooli Peiman ta` l-Olanda 3-0. Iż-żewġ plejers Maltin kienu eliminati fil-Kwarti-Finali. Duncan Pisani tilef 0-3 kontra Kristof Veirmeiren tal-Belġju, filwaqt li Thurston Grixti tilef kontra iċ-Champion Ewropew tal-U/19, Luca Brecel, bl-iskor ta` 3-0. Ta` min jirrimarka li Brecel u Vermeiren irnexxielhom jaslu sal-final fejn Brecel rebaħ bi skor verament ristrett ta` 5-4.

## Il-Gruppi ta' kwalifikazzjoni fejn lagħbu l-plejers Maltin

**Grupp Ċ**

| | Plejer | Pajjiż | L | R | F | K | Diff. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Tony DRAGO | Malta | 4 | 4 | 8 | 0 | 8 |
| 2 | Yvan VAN VELTHOVEN | Belġju | 4 | 3 | 6 | 2 | 4 |
| 3 | John BURGMEIJER | Olanda | 4 | 2 | 4 | 5 | -1 |
| 4 | Thomas HOLTSCHL | Ġermanja | 4 | 1 | 3 | 6 | -3 |
| 5 | Georgades PETROS | Ċipru | 4 | 0 | 0 | 8 | -8 |
| 6 | Kasra KHAVARAN | Belġju | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |

**Grupp D**

| | Plejer | Pajjiż | L | R | F | K | Diff. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Alex BORG | Malta | 5 | 4 | 9 | 2 | 7 |
| 2 | Stefan KASPER | Ġermanja | 5 | 4 | 8 | 3 | 5 |
| 3 | Alain VANDERSTEEN | Belġju | 5 | 4 | 8 | 4 | 4 |
| 4 | Eddy KINDERMANS | Belġju | 5 | 2 | 5 | 6 | -1 |
| 5 | Ingvi HALLDÓRSSON | Iżlanda | 5 | 1 | 2 | 9 | -7 |
| 6 | Bogdan COZMACIUC | Rumanija | 5 | 0 | 2 | 10 | -8 |

**GRUPP Ġ**

| | Plejer | Pajjiż | L | R | F | K | Diff. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Kristjan HELGASON | Iżlanda | 5 | 5 | 10 | 2 | 8 |
| 2 | Roy STOLK | Olanda | 5 | 3 | 8 | 5 | 3 |
| 3 | Alvyn DEPOORTER | Belġju | 5 | 3 | 7 | 6 | 1 |
| 4 | Mario VAN HERK | Belġju | 5 | 2 | 6 | 7 | -1 |
| 5 | Thurston GRIXTI | Malta | 5 | 2 | 5 | 7 | -2 |
| 6 | Marcel BERA | Rumanija | 5 | 0 | 1 | 10 | -9 |

**GRUPP O**

| | Plejer | Pajjiż | L | R | F | K | Diff. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Coen FOOL | Olanda | 5 | 4 | 8 | 2 | 6 |
| 2 | Clayton CASTALDI | Malta | 5 | 4 | 8 | 3 | 5 |
| 3 | Steve LEMMENS | Belġju | 5 | 3 | 7 | 5 | 2 |
| 4 | Kevin VANDERVOORT | Belġju | 5 | 2 | 5 | 6 | -1 |
| 5 | Aleksandar VUCETIC | Kroazja | 5 | 1 | 3 | 8 | -5 |
| 6 | Olga ZHURAVLEVA | Russja | 5 | 1 | 2 | 9 | -7 |

**Ir-rebbieħa tal-Kampjonat Ewropej mill-1993**

2009 – David Hogan (Irlanda)
2008 – David Grace (Ingilterra)
2007 – Kevin Van Hove (Belġju)
2006 – Alex Borg (Malta)
2005 – Alex Borg (Malta)
2004 – Mark Allen (Irlanda ta` Fuq)
2003 – David John (Wales)
2002 – David John (Wales)
2001 – Bjorn Haneever (Belġju)
2000 – Graig Butler (Ingilterra)
1999 – Bjorn Haneveer (Belgju)
1998 – Kristjan Helgason (Iżlanda)
1997 – Robin Hull (Finlandja)
1996 – Graham Horne (Skozja)
1995 – David Lilley (Ingilterra)
1994 – Danny Lathowers (Belġju)
1993 – Neil Mosley (Ingilterra)

## BOV GFA Cup

# SK Victoria Wanderers jirbħu d-derby u jakkwistaw it-Tazza GFA għall-ewwel darba

SK Victoria Wanderers irnexxielhom jagħmlu rivinċita fil-final fuq ir-rivali ta' Victoria Hotspurs biex kisbu dan l-unur għall-ewwel darba fl-istorja tagħhom meta għelbuhom bl-iskor kbir ta' 5-2. Din is-36 edizzjoni tal-GFA Cup kienet tant mistennija għax laqqgħet ma' xulxin liż-żewġ timijiet tal-belt Victoria f'mument meta ir-rivalità bejniethom kienet tinħass sew. M'hemmx dubju li l-Wanderers lagħbu l-aħjar logħba tagħhom tal-istaġun fejn it-tattika użata mill-player-coach, Mark Buttigieg, irnexxiet fil-massimu tagħha fejn b'difiża aktar organizzata, in-nofs attiv ħafna u attakk miċidjali li ħalla l-marka tiegħu. Wirja kollettiva u determinanti minn SK Victoria bit-tandem Ige Adesina u Ajibade Adesina jikkumbinaw b'perfezzjoni. Protagonista assolut għalihom kien Ige Adesina li fl-aħjar wirja staġjonali tiegħu rnexxielu jikseb tripletta. Għall-Wanderers dan kien it-tieni unur miksub dan l-istaġun fejn iktar qabel ukoll huma kienu wkoll rebħu għall-ewwel darba fl-istorja tagħhom it-Tazza Jum il-Ħelsien.

Il-final intagħbet f'atmosfera ta' veru derby. Madankollu minkejja t-tensjoni li nbniet madwar din il-final partikolari, il-logħba nistgħu ngħidu li ntlagħbet b'mod sportiv u apprezzat ferm kien il-ġest li ż-żewġ naħat ħadu b'idejn xulxin wara li ntemmet il-final. Il-goals li taw dan is-suċċess lill-Wanderers waslu minn tripletta ta' Ige Adesina fid-29, 78 u 90 minuta, minn Ajibade Adesina fis-7 minuta u Chris Sciortino żewġ minuti fuq il-ħin regolamentari tal-ewwel taqsima. Iż-żewġ goals ta' Hotspurs skurjahom John Paul Grima fit-32 u l-45 minuta biex kien kiseb id-draw momentarju.

Fi tmiem il-finali Alvin Grech President tal-GFA flimkien ma' Jack Theuma, BOV Manager għal Għawdex, Joe Bajada, Segretarju Ġenerali tal-GFA u anke George Cini, Teżorier tal-istess GFA ppreżentaw it-Tazzi , Shield u Medalji lill-players u l-uffiċjali ta' SK Victoria Wanderers fost iċ-ċelebrazzjoni tal-partitarji tagħhom li raw ħolma oħra ssir realtà għalihom.


It-tim ta' SK Victoria Wanderers

## GFA Super Cup

# Iċ-Champions Sannat Lions jirbħu s-Super Cup bil-penalties

Iċ-champions Sannat Lions għalqu l-istaġun fuq nota aktar pożittiva meta rnexxielhom jirbħu l-GFA Super Cup għall-ewwel darba fl-istorja tagħhom meta għelbu lil SK Victoria Wanderers wara l-għoti tal-penalties. Ironikament għaż-żewġ naħat din kienet l-ewwel dehra tagħhom f'din il-final tas-Super Cup. Dan kien is-seba' konfront staġjonali bejn dawn iż-żewġ timijiet fejn apparti t-tliet logħbiet li lagħbu mill-Kampjonat Melita tal-Ewwel Diviżjoni, il-polza laqqgħet liż-żewġ naħat fit-tliet kompetizzjonijiet oħra diversi u hawn it-tliet logħbiet kienu kollha deċiżi bl-għoti tal-penalties favur ir-Rabtin. Din id-darba x xorti daħket lil Sannat għax kienu huma li niżżlu isimhom fuq it-Tazza għall-ewwel darba.

Sannat kellhom nieqsa mill-formazzjoni tagħhom lil Justin Agius li kien sospiż, filwaqt li Fernando de Andrade kien għadu ma rkuprax mill-injury tiegħu. Min-naħa l-oħra l-Wanderers kienu bl-aħjar formazzjoni tagħhom, dik li ftit jiem qabel ippremjathom bir-rebħ tal-BOV GFA Cup. Din il-final niżżlet is-siparju għal dan l-istaġun tal-football Għawdxi.

Kienu Sannat li fetħu l-iskor, fis-77 minuta, permezz ta' John Camilleri iżda Joseph Refalo ħames minuti mit-tmiem kiseb il-gowl tad-draw biex b'hekk il-final kellha terġa' tidħol għal darba'oħra fil-ħin barrani. F'dan il-ħin mogħti żejjed ma sar l-ebda gowl biex b'hekk anke din il-final kellha tkun deċiża bil-penalties. Kienu Sannat li hawn marru l-aħjar meta skurjaw il-ħamsa minn Sabri Rais, Mario Azzopardi, Benneth Njoku, Mark Muscat u Kevin Loughbourgh. SK Wanderers skurjaw erba' minn David Udo Monday, Joseph Vella, Akande Williams u Ige Adesina, filwaqt li Ajibade Adesina xeħet għoli.

Fi tmiem il-final, il-president tal-GFA Alvin Grech u Joe Bajada, segretarju ġenerali tal-GFA assistiti minn George Cini, teżorier tal-istess GFA, ippreżentaw is-Super Cup u s-Shield lil Mark Muscat u Mark Formosa rispettivament, kif ukoll midalji lill-players u l-uffiċjali ta' Sannat Lions fost il-ferħ tal-partitarji tagħhom.


It-tim ta' Sannat Lions




visit Gozo with **Gozo Channel Line** and enjoy the Festa Season and other cultural events on the island

## Tiġrijiet taż-Żwiemel

# Tintemm l-aħħar Laqgħa tal-istaġun

Il-Gozo Horse Racing Association organizzat l-għoxrin u l-aħħar Laqgħa tat-tiġrijiet taż-żwiemel, nhar il-Ħadd 31 ta' Mejju, 2009, fil-Korsa tax-Xhajma. B'kollox kien hemm għaxar tiġrijiet, seba' tal-Ponijiet u tlieta tat-Trott li kienu Condition Race Finals sponsorjati minn Island Micro Light Club. B'hekk ġie fi tmiemu staġun mimli entużjażmu u ħidma ntensiva min-naħa tal-kumitat li ħadem kemm felaħ biex kien staġun rekord kemm fir-rigward tal-ammont ta' tiġrijiet (Meetings) li saru, Kampjonati, kif ukoll l-ammont ta' parteċipanti.

| 13. | Robert Kubica (Polonja) BMW Sauber | 1 lap |
| 14. | Fernando Alonso (Spanja) Renault | 1 lap |
| 15. | Nick Heidfeld (Ġermanja) BMW Sauber | 1 lap |
| 16. | Lewis Hamilton (Britannja) McLaren | 1 lap |
| 17. | Adrian Sutil (Ġermanja) Force India | 1 lap |
| 18. | Sebastien Buemi (Svizzera) Toro Rosso | 1 lap |

**Irtiraw**

| | |
|---|---|
| Sebastien Bourdais (Franza) Toro Rosso | 23 laps |
| Heikki Kovalainen (Finlandja) McLaren | 24 laps |

**Klassifika Sewwieqa**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Jenson Button (Britannja) Brawn GP | 64 |
| 2. | Rubens Barrichello (Brażil) Brawn GP | 41 |
| 3. | Sebastian Vettel (Ġermanja) Red Bull | 39 |
| 4. | Mark Webber (Awstralja) Red Bull | 35.5 |
| 5. | Jarno Trulli (Italja) Toyota | 21.5 |
| 6. | Felipe Massa (Brażil) Ferrari | 16 |
| 7. | Nico Rosberg (Ġermanja) Williams | 15.5 |
| 8. | Timo Glock (Ġermanja) Toyota | 13 |
| 9. | Fernando Alonso (Spanja) Renault | 11 |
| 10. | Kimi Raikkonen (Finlandja) Ferrari | 10 |
| 11. | Lewis Hamilton (Britannja) McLaren | 9 |
| 12. | Nick Heidfeld (Ġermanja) BMW Sauber | 6 |
| 13. | Heikki Kovalainen (Finlandja) McLaren | 4 |
| 14. | Sebastien Buemi (Svizzera) Toro Rosso | 3 |
| 15. | Robert Kubica (Polonja) BMW Sauber | 2 |
| 16. | Sebastien Bourdais (Franza) Toro Rosso | 2 |

**Klassifika Kostrutturi**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Brawn GP | 105 |
| 2. | RedBull | 74.5 |
| 3. | Toyota | 34.5 |
| 4. | Ferrari | 26 |
| 5. | Williams | 15.5 |
| 6. | McLaren | 13 |
| 7. | Renault | 11 |
| 8. | BMW Sauber | 8 |
| 9. | Toro Rosso | 5 |
| 10. | Force India | 0 |




# Paġni mill-Istorja tat-Tiġrija tal-Vitorja

# Ir-Regatta wara l-gwerra (1960-1969)

....Tkompli



Il-koppja Fredu Fiteni (sapuna) u Toni Farrugia (iż-Żbiba) jippożaw għar-ritratt wara r-rebħa tagħhom fl-1961

### L-EWWEL PARTI

Fl-1960, il-Partit Laburista ddeċieda li jorganizza Regatta tad-dgħajjes fil-bajja ta' San Ġiljan. Numru sabiħ ta' qaddiefa regolari li kienu jieħdu sehem fit-Tiġrija tal-Vitorja, fosthom xi wħud mill-Kalkara ddeċidew li jipparteċipaw fiha. Ironikament, l-andament taż-żewġ tiġrijiet kien differenti ħafna! Waqt li t-tiġrija tal Port il-Kbir saret bħas-soltu iżda kienet nieqsa minn kull briju, minkejja li mal-Kalkara ħadu sehem ukoll xi opri mill-Isla u l-Marsa u saru xi tiġrijiet oħra tal-muturi, kenuri u giggijiet, it-tiġrija li kellha ssir fil-bajja ta' San Ġiljan u li baqgħet magħrufa bħala t-Tiġrija tal-Fekruna ġiet sfrattata mill-pulizija, għax jingħad li ma nħarġu l-ebda permessi għaliha.

Sfortunatament, in-nies li marru f'San Ġiljan biex jaraw din it-tiġrija kienu ħarġu diżappuntati ħafna, fosthom dilettant Bormliż li kkummenta hekk dwar l-inċidenti u l-andament ta' din it-tiġrija: "... niftakar li għal din it-tiġrija kienu attendew ħafna nies bil-bnadar Maltin ... l-organizzaturi kellhom il-ħsieb li fil-bajja ta' San Ġiljan jorganizzaw avveniment rikreattiv għall-familji Maltin, bħal tiġrijiet tad-dgħajjes u tal-frejgatini, il-ġostra u logħob ieħor tal-baħar ... id-dgħajjes u l-frejgatini li kienu se jieħdu sehem kienu privati waqt li l-qaddiefa kienu mħallta ... ħasra li din it-tiġrija sfrattat! Niftakar li kull darba li d-dgħajjes kienu se jieħdu posthom biex jibdew it-tiġrija, il-laneċ tal-pulizija kienu jmorru fuqhom u ma jħalluhomx iġerru ... jingħad ukoll, li wħud mill-qaddiefa li kienu se jieħdu sehem f'din it-tiġrija kienu weħluhom 2s6d (€0.30) ... l-isfrattar tat-tiġrija u l-attitudni arroganti tal-pulizija qajmu ħafna protesti mill-organizzaturi kif ukoll għajjat u tisfir kbir mill-eluf ta' nies preżenti, l-aktar meta waħda mil-laneċ tal-pulizija dehret qed tiġbed il-barkun li fuqu ġiet mibnija Fekruna kbira ... niftakar ukoll li kien inqala' xi ġlied mal-pulizija u li xi nies ġew miżmuma għal xi ħin fl-għassa tal-pulizja tal-lokal ..."

Fl-1961, ir-Regatta Nazzjonali saret bħas-soltu. Fortunatament għalkemm il-bojkott kien għadu fis-seħħ, kien sar magħruf li ma kinux saru tiġrijiet oħra għajr dik tal-Port il-Kbir. Peress li l-organizzaturi kienu jafu li l-kumitati tad-distretti kienu se jibqgħu josservaw id-direttiva tal-bojkott mill-Partit Laburista u għalhekk ma kinux se jipparteċipawx fir-Regatta, huma ddeċidew li fir-Regatta jerġgħu jinkludu t-tlielaq tal-kenuri, giggijiet u tal-muturi ta' saħħa li tvarja minn 18 sa 45 żiemel. F'din l-edizzjoni, bħaż-żewġ edizzjonijiet ta' qabilha kienet kwieta u nieqsa mill-element ta' kompetizzjoni ħarxa. Qaddief mill-Birgu kellu xi jgħid dan dwar din l-edizzjoni: "... minkejja l-fatt li f'din ir-Regatta kienu ħadu sehem xi opri mill-Isla u l-Marsa, il-parteċipazzjoni tagħhom ma għenet xejn biex dan l-avveniment jerġa' jaqbad ir-rankatura sportiva li kien qed jitlef minħabba l-bojkott ..."

Żewġ siltiet meħudin minn żewġ rapporti sportivi differenti li dehru l-għada tar-Regatta jagħtuna stampa attwali kemm dan l-avveniment annwali li qabel il-gwerra tant kien popolari man-nies tal-Port il-Kbir kien tilef l-ispirtu tiegħu. F'wieħed minnhom, l-awtur ta' l-artiklu jagħmel dawn il-mistoqsijiet: "... dawn ċelebrazzjonijiet? Dawn Bużullotti! Fejnhom in-nies li kien ikun hawn meta il-Jum Nazzjonali kien ikun iċċelebrat b'serjetà? Fejnu l-entużjamu? Fit-tieni silta, il-korrispondent sportiv, li minn kitbietu jidher ċar li kellu għal qalbu dawn it-tiġrijiet tradizzjonali jagħmel numru ta' riflessjonijiet: "...il-Port il-Kbir ħdejn dari kien mejjet! ... l-avvenimenti organizzati kienu bla ħajja! ... il-ftit nies li marru jħarsu kienu donnhom erwieħ mitlufa, jistaqsu bejniethom x'kien li qed jiġri u jekk it-tiġrijiet bdewx, tant kemm dawn kienu bla spirtu ... l-ispirtu li soltu kien jimla lil kull min jieħu sehem fil-Jum Nazzjonali ma kien jidher imkien ... l-okkażjoni kienet aktar qisha waħda ta' niket milli ta' ferħ ..."

U dan mhux kollox! F'kitbiet oħra juru kemm f'din l-edizzjoni mhux kollox kien miexi ħarir u saħansitra kien hemm il-biżgħa li seta' jinqala' xi nkwiet. Fil-fatt, f'silta oħra meħuda minn artiklu ieħor jitkellem dwar in-numru kbir ta' pulizija li kien hemm fl-imħawi tad-dwana waqt ir-Regatta: "...numru kbir ta' pulizija ċivili li kienu preżenti kif ukoll il-kwalità ta' Shore Police tas-servizz bil-jeeps tagħhom u landing barges li kienu jduru fil-port taw l-okkażjoni xejra militari flok xejra nazzjonali ..."

Minkejja li, fl-1961, ma sarux talbiet mill-Partit Laburista biex jorganizza xi attività oħra tal-baħar f'Jum il-Vitorja, b'danakollu kienet saret sejħa, biex għal din l-okkażjoni, in-nies tinżel fil-Port il-Kbir bil-bnadar ħomor u bojod. Dilettant Marsi li minkejja l-bojkott xorta waħda baqa' jsegwi r-Regatta tal-Port il-Kbir jirrakkonta x'ġara eżatt f'dik l-edizzjoni: "... niftakar li qabel ma bdiet ir-Regatta kien infirex l-għajdut fost in-nies li kienu fuq il-mollijiet tal-Belt li l-kap Laburista kien se jidħol fil-port u ssir xi protesta simbolika ... peress li t-tlielaq tar-Regatta bdew bħas-soltu u għal ħafna ħin ma sar xejn, in-nies bdiet taħseb li l-għajdut li kien infirex sew fejn kont jien u sħabi kien ħlieqa ta' xi ħadd li ma kellux x'jagħmel

ISLA MARSA MARSAMXETT BORMLA BIRGU KALKARA BIRŻEBUĠĠA

... f'ħin minnhom, ma niftakarx eżatt jekk kienx qabel jew wara l-korsa tad-dgħajjes ta' bl-Erbgħa, smajna ħafna għajjat ġej min-naħa tal-Ponta ta' l-Isla u rajna n-nies ixejru l-bnadar ... wara r-Regatta smajna xi qaddiefa jgħidu, li xi nies għarfu lill-Perit Mintoff fuq lanca privata li għaddiet qrib il-Ponta ta' l-Isla u qamet għagħa kbira..."

Interessanti hu l-fatt li fl-edizzjoni ta' l-1961, f'waħda mill-gazzetti ta' kuljum ġew ippubblikati r-regolamenti uffiċjali li fuqhom kienet titmexxa r-Regatta f'dik l-epoka. Kif wieħed jimmaġina, maż-żmien, xi wħud minn dawn ir-regolamenti ġew emendati u magħhom żdiedu oħrajn ġodda. S'intendi, hemm diversi regolamenti interessanti li minnhom se nislet xi siltiet li fil-fehma tiegħi nqishom bħala importanti ħafna, kemm għall-istorja ta' din it-tradizzjoni antika kif ukoll biex wieħed ikun jista' jsegwi aħjar l-andament ta' dawn it-tiġrijiet:

- It-tiġrijiet isiru taħt id-direzzjoni ta' Referee li jkun il-prim Uffiċjal tad-Dwana u s-Sisa.
- Il-kompetituri huma mitlubin biex jieħdu d-dgħajjes tagħhom fil-Boat House tad-dwana l-Marsa f'lejlet il-Vitorja, bejn id-9.00 a.m. u 12.00 p.m., u bejn it-3.00 p.m. u l-5.00 p.m sabiex jitkejlu d-dgħajjes skond il-qies stabbilit fl-Avviżi tad-Dwana ppubblikati fil-gazzetta tal-Gvern tal-21 ta' Lulju, 1961. Wara n-numru tad-dgħajjes jitniżżel fir-reġistru u jingħataw is-sinjali (bnadar) li għandhom jitwaħħlu mal-pruwa tad-dgħajsa. Dan il-kejl ma jistax isir darba oħra.

- Kull dgħajsa li se tieħu sehem fit-tiġrija għandha tiġi spezzjonata fil-Boat House mill-uffiċjal tat-tiġrijiet minnufih qabel ma tidħol għat tiġrija. Kull min jieħu sehem fit-tiġrija u jikser, għax irid hu, ir-regolamenti jew ifixkel bil-għalt il-passaġġ ta' dgħajjes oħra jiġi skwalifikat u jitlef id-dritt għall-premju.

- Kull dgħajsa għandha żżomm lilha nnifisha 'l bogħod minn dgħajjes oħra u ma għandhiex tgħaddi minn quddiem il-pruwa ta' dgħajjes oħra jekk ma jkunx hemm mill-inqas tliet tulijiet bejniethom.

- Jekk ir-regolamenti jiġu miksurin jew jinqala' xi taħwid waqt it-tiġrijiet, ir-Referee jista' jħassar il-korsa u dan jgħarrfu bi tliet tiri ta' pistola. Il-ġerrejja għandhom joqogħdu għall-ordnijiet ta' l-Uffiċjal tat-Tiġrijiet inkellu jiġu skwalifikati u jitilfu d-dritt tal-premju.

- Dwar l-andament tat-tiġrijiet insibu dawn ir-regolamenti: Ma ssirx tiġrija jekk mhux inqas minn żewġ opri jieħdu parti. It-tieni premju ma jingħatax jekk ma jġerrux tliet opri, u t-tielet ma jingħatax jekk ma jġerrux erba' opri f'kull tiġrija. Il-Lanċa li fuqha jkun hemm id-delegati għandha tinżamm mill-inqas 18-il metru mill-aħħar dgħajsa li tkun qed tieħu sehem fit-tiġrija.

Il-premjijiet ta' flus li kienu jingħataw lill-ekwipaġġi rebbieħa ta' kull korsa fil-bidu tas-snin 60 huma dawn li ġejjin:

- Il-korsi tad-dgħajjes tal-Midalji 'A' u tal-Pass b'erba' mqadef 'B' (ta' bl-Erbgħa): L-ewwel premju £40 (€93.17); it-tieni premju £16 (€37.27) it-tielet premju £10 (€23.29):
- Il-korsi tal-Frejgatini u l-Kajjikki: l-ewwel premju £5 (€11.65); it-tieni premju £2.10s ( €5.82); it-tielet premju £1.10s ( €3.49).
- Dgħajjes tal-Pass b'żewġt imqadef 'Ċ' (ta' bi Tnejn): l-ewwel premju £20 (€46.59); it-tieni premju £8 (€18.63) u t-tielet premju £5 ( €11.65).

Premjijiet oħra ta' flus kienu jingħataw lill-ekwipaġġi rebbieħa jekk il-ħin tal-korsa ikun inqas minn dak irrekordjat f'tiġrijiet ta' qabel. L-ekwipaġġi tad-dgħajjes tal-Midalji 'A' u ta' bl-Erbgħa 'B' kienu jingħataw £4 (€9.32): Dgħajjes ta' bi Tnejn 'Ċ', Frejgatini u Kajjikki £2 (€4.66).

Barra dawn il-premjijiet, kien hemm "premju speċjali ta' £20 (€46.49) li jiġi mogħti lill-kumitat distrettwali li jirbaħ l-Aggregate Shield għal tliet snin wara xulxin li beda jgħodd mill-1959".

Fl-1962, tneħħa l-bojkott tal-Partit Laburista minn fuq ir-Regatta Nazzjonali u d-distretti ta' l-Isla, Bormla, Birgu, Kalkara u Marsa bdew jipparteċipaw b'mod sħiħ f'kull korsa. Kif kien mistenni, it-tneħħija tal-bojkott ta spirtu ġdid lir-Regatta Nazzjonali u n-nies li jdawru liż-żewġ portijiet laqgħu din l-aħbar b'ferħ kbir. Membru attiv tal-kumitat Regatta ta' l-Isla kkummenta hekk dwar it-tneħħija tal-bojkott: "... it-tneħħija tal-bojkott kien pass pożittiv għar-Regatta ... li kieku l-bojkott baqa' fis-seħħ għal sentejn jew tliet snin oħra, it-Tiġrija tal-Vitorja kienet tispiċċa minn fuq il-kalendarju sportiv u din ħadd ma xtaqha, l-aktar aħna li nqisu r-Regatta bħala parti mill-festa tagħna ... jien minn dejjem niftakar li f'Jum il-Vitorja ssir ir-Regatta u aħna nirbħu l-paljijiet ... nixtieq li r-Regatta terġa' tieħu r-ruħ u l-politiċi ma jdaħħluhiex aktar fil-politika ... "

Aktar ma beda għaddej iż-żmien, l-entużjażmu u l-eċċitament li kienu joħolqu dawn it-tiġrijiet fost il-poplu tagħna,



Il-qaddiefa Sengleani jifirħu lill-ekwipaġġ Kalkariż wara r-rebħa tagħhom fil-korsa ta' bl-Erbgħa fl-1964


SPARK
Cola
Carbonated soft drink

b'mod speċjali ma' dawk li kienu jgħixu fil-Port il-Kbir beda jidher u jinħass f'kull Regatta li kienet issir f'dik l-epoka. Issa d-distretti kienu armati tajjeb, kemm b'opri ġodda kif ukoll b'għadd ġmielu ta' qaddiefa. Matul il-bojkott, id-distretti ma għalqux il-bibien tagħhom u kulħadd mar għal riħu, iżda komplew jorganizzaw tajjeb il-klabb tagħhom u jippreparaw irwieħhom għal meta jintemm il-bojkott u t-tiġrija terġa' tibda ssir mill-ġdid. Issa xi distretti kienu armati b'żewġ settijiet ta' opri ġodda u faċilment setgħu jipparteċipaw b'żewġ opri f'kull korsa.

Issa r-Regatta saret aktar akkanita u kull korsa kienet missielta b'rivalità kbira. In-nies reġgħet bdiet timla kull rokna tal-Port il-Kbir, u matul il-kanal li issa beda jingħalaq biss fuq ix-xaqliba ta' l-Isla kien ikun miżgħud bil-Frejgatini, dgħajjes, kenuri, kajjikki u bl-inġenji oħra tal-baħar mimlijin bin-nies. Kien żmien ukoll meta xi aġenti ta' l-ivvjaġġar bdew jieħdu t-turisti l-Barrakka ta' Fuq biex jaraw dawn it-tiġrijiet tradizzjonali, iżda aktar tard bdew jikru xi laneċ biex jeħduhom jarawhom minn fuq il-baħar. It-tneħħija tal-bojkott xprunat lill-organizzaturi ta' dawn it-tiġrijiet biex isir titjib f'kull edizzjoni, kemm f'dak li hu ħinijiet bejn kull korsa kif ukoll żieda l-premjijiet ta' flus lir-rebbieħa u serjetà waqt il-preżentazzjoni ta' tazzi u paljijiet.

Rigward l-organizzazzjoni tal-klabbs tar-Regatta nsibu, li kull kumitat distrettwali kompla jissaħħaħ b'membri ġodda u b'għotjiet ta' flus minn benefatturi u sponsors minn ditti privati. S'intendi, peress li dawn l-għotjiet ta' flus ma kinux ikunu biżżejjed biex ikopru l-ispejjeż kbar li jeħtieġu klabbs bħalma huma dawk tar-Regatta, kull distrett ħtieġlu jorganizza diversi attivitajiet soċjali fost il-membri tiegħu u l-ħbieb tagħhom biex permezz tagħhom jinġabru fondi biżżejjed biex il-klabb ikompli jattrezza ruħu b'opri ġodda tat-tiġrija u faċilitajiet oħra għall-eżerċizzju fiżiku tal-qaddiefa.

Minkejja li, fl-1963, id-distretti bdew jipparteċipaw f'kull korsa u kif aċċennajt qabel ir-Regatta bdiet terġa' tieħu r-ruħ, xorta waħda baqgħu jsiru t-tiġrijiet tal-giggijiet u tal-muturi. Sfortunatament, għalkemm kien sar titjib sostanzjali fl-organizzazzjoni nnfisha, l-andament tat-tiġrijiet kien wieħed kwiet u l-entużjażmu fost l-ispettaturi ma kienx fih dak il-briju u l-eċċitament tas-soltu: B'danakollu, qaddief mill-Birgu li ħa sehem fil-korsa tal-Midalji f'din l-edizzjoni kellu kliem ta' tifħir għall-organizzazzjoni u għall-isportività li ntweriet fost il-qaddiefa matul ir-Regatta: " ... ir-Regatta kienet kwieta u n-nies dehret qed tieħu pjaċir bit-tiġrijiet, l-aktar tad-dgħajjes tal-Midalji u tal-Pass b'erbat imqadef li fihom dehret ċerta pika ... pulizija ftit li xejn kien hemm u dan għamel kuraġġ lin-nies biex tinżel tara dawn it-tiġrijiet ... jien l-inkwiet nibża' minnu u ma rridux, iżda nħoss li ċerta pika fost il-qaddiefa avversarji hi meħtieġa ħafna f'dawn it-tlielaq, għax il-pika hi fattur importanti ħafna li teċċita lin-nies, tagħti l-ħajja lit-tiġrija u tagħmilha aktar sabiħa ..."


Il-Kumitat u l-qaddiefa Marsin jippożaw għar-ritratt wara r-rebħa tas-Shield fl-1967

Sadanittant f'dan il-perijodu ta' snin fil-Port il-Kbir komplew isiru t-tiġrijiet tal-Wejliet fuq korsa ta' mil u kwart mill-Break Water sal-Baga numru 5. Maż-żmien, f'dawn it-tiġrijiet kienet tnisslet pika kbira bejn l-aqwa qaddiefa Ingliżi li kienu jġerru bil-Wejliet tal-bastimenti tal-Flotta u dawk Maltin li kienu jġerru bil-Wejliet ta' Sant'Anġlu u tar-Rikażli. Il-premju ta' din it-tiġrija kienet tazza kbira tal-fidda magħrufa bħala l-Hamilton Cup. Baħri Malti li serva snin twal f'Sant'Anġlu u li kien jaf tajjeb lil xi wħud mill-baħrin li kienu qaddiefa regolari fil-Wejla s-Sewda ta' Sant'Anġlu u lil Wenzu Zarb li kien it-tmunier tagħha kellu dan xi jgħid dwar dawn it-tiġrijiet: "... dawn it-tiġrijiet kienu sbieħ wisq, u n-nies kienet tagħmel ħafna għalihom avolja kienu jsiru kull nhar ta' Sibt filgħodu ... kif wieħed jimmaġina, il-Maltin kienu jappoġġjaw bil-kbir lill-Wejliet Maltin u l-Port il-Kbir kien ikun mimli bid-dgħajjes u bil-Fejgatini mimlijin bin-nies, kif ukoll Caters bil-baħrin Ingliżi ... il-vantaġġ li kellhom il-Maltin fuq il-Wejliet Ingliżi kienet li l-qaddiefa Maltin kienu ilhom snin jaqdfu flimkien waqt li l-Ingliżi kienu maqsumin bejniethom ... barra minn hekk, xi wħud mill-baħrin Maltin kienu jaqdfu fid-dgħajjes tar-Regatta ... jingħad li Wenzu Zarb, li kien meqjus bħala l-aqwa tmunier u li qatt kellu Sant'Anġlu fl-istorja tat-tiġrijiet tal-Wejliet fil-portijiet Maltin, kien ġie onorat mill-Gvern Ingliż ... "

*ikompli f'ħarġa oħra*


L-aħħar fażi tat-tiġrija ta' bl-Erbgħa fl-1969, bid-dgħajsa Kalkariża tidher tieħu vantaġġ fuq id-dgħajsa Bormliża




# Tqassim ta' kuntratti għall-Iskema ta' Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet

Il-Kunsilli Lokali għandhom rwol importanti x'jaqdu fil-promozzjoni ta' stil ta' ħajja attiva fost il-poplu Malti. Għaldaqstant tnediet skema ta' inċentivi sportivi li permezz tagħha l-Kunsilli Lokali jistgħu jorganizzaw attivitajiet sportivi fil-lokalitajiet rispettivi tagħhom.

Din l-iskema tnediet f'Jannar li għadda mis-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni Chris Said u s-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport Clyde Puli. Minn dakinhar bdew deħlin applikazzjonijiet biex il-Kunsilli Lokali flimkien mal-Kunsill Malti għall-Isport jorganizzaw attivitajiet sportivi u ta' eżerċizzju fiżiku fil-lokalitajiet rispettivi.

F'attività li saret fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera, is-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni, Chris Said flimkien mas-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, Clyde Puli qassmu l-kuntratti lir-rappreżentanti tal-Kunsilli Lokali.

Din l-iskema qed issir b'investiment ta' kważi €66,524 li minnhom il-Gvern ser ikun qed iħallas nofs din is-somma. B'kollox fil-lokalitajiet ser ikunu qed jittellgħu total ta' 84 attività sportiva. Huwa maħsub li bil-proġetti u programmi organizzati ser ikunu qed igawdu aktar minn 4,500 persuna.

Fost oħrajn ser ikun hemm enfażi fuq programmi għal wara l-ħin tal-iskola biex it-tfal jibqgħu l-iskola u jagħmlu eżerċizzju fiżiku biex ipattu għan-nuqqas ta' ħin allokat għall-isport minħabba l-istudju. Dawn il-programmi ser isiru fis-sena skolastika li jmiss. Ser ikun hemm ukoll enfasi fuq programmi ta' sport għal kulħadd biex kull parti tas-soċjetà tkun involuta f'xi tip ta' attività fiżika.

Il-kunċett tal-Gvern għal aktar kollaborazzjoni bejn il-Kunsilli Lokali u l-iskejjel, qiegħed ukoll jintlaħaq permezz ta' din l-iskema, peress li l-iskejjel qegħdin jintużaw għal inizjattivi sportivi. Din l-iskema tinċentiva lill-Kunsilli Lokali biex jaqdu l-funzjonijiet ġodda maħsuba fit-tiġdid tal-Kunsilli, u għalhekk l-inċentivi li qed jittieħdu u l-ħidma mal-għaqdiet sportivi fil-lokalitajiet qed jgħinu biex dan iseħħ.

Preżenti għal din l-attività kien hemm ukoll rappreżentanti tal-Kunsilli Lokali li se jipparteċipaw fl-iskema, id-Direttur Ġenerali għall-Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, u d-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, kif ukoll diretturi tal-Kunsill Malti għall-iSport.

# Skema 20-20 Skema Suċċess

Ċertament, l-iskema 20-20 introdotta ftit tax-xhur ilu mill-Kunsill Malti għall-iSport kienet suċċess mhux biss għall-istess atleti li bbenefikaw minnha iżda anki għall-isport Malti inġenerali. Fil-fatt l-atleti kollha li kienu jagħmlu parti minn din l-iskema u li ħadu sehem fit-tlettax-il edizzjoni tal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar li saret dan l-aħħar f'Ċipru kollha rnexxielhom jirbħu midalja u jkollhom prestazzjoni pożittiva. Dawn l-atleti kienu Mario Bonello, Joanna Camilleri, Giselle Camilleri, Rachid Chouhal u Maya Podesta u bbenifikaw minn massimu ta' għoxrin siegħa leave bi ħlas fil-ġimgħa biex tħarrġu fid-dixxiplini tagħhom skont programm ta' taħriġ professjonali ppreparat minn kowċis u għaqdiet sportivi reġistrati mal-Kunsill Malti għall-iSport.

Barra dan, il-Kunsill Malti għall-iSport kompla għaddej bl-appoġġ tiegħu lejn it-tiratur William Chetcuti, li f'Ċipru rebaħ l-ewwel midalja tad-deheb għal Malta fid-Double Trap u li hu impjegat mal-istess Kunsill, iżda li kuljum waqt il-ħin tax-xogħol jagħmel it-taħriġ intensiv tiegħu.

Dawn l-atleti kienu fiduċjużi minn riżultat pożittiv anki qabel ma ħallew pajjiżna biex ikunu jistgħu jieħdu sehem fil-logħob. F'laqgħa li kellhom ftit jiem qabel il-logħob mas-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport Clyde Puli, l-atleti kollha tkellmu dwar kemm kienet ta' benefiċċju l-iskema 20-20 għalihom. Ta' min wieħed jirrimarka li barra dawn l-atleti, l-iskema kienet ġiet offruta wkoll lil Antonella Chouhal u Mario Mifsud li finalment ma ġewx magħżula biex jagħmlu parti mill-kontinġent Malti.

Iżda l-Kunsill Malti għall-iSport hu determinat li l-iskema 20-20 ikompli




Clyde Puli jitkellem ma' l-atleti li qegħdin igawdu mill-iskema 20-20

# Skema 20-20 Skema Suċċess


Jonathan Caruana

jestendiha u ma tiġix offruta biss lill-atleti li l-isport tagħhom hu rappreżentat fil-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar iżda anki lill-atleti minn sport ieħor, fosthom il-futbol. Għalhekk l-ewwel żewġ plejers li qiegħed jibbenefikaw minn din l-iskema huma Jonathan Caruana u Kenneth Sciclunа.


Kenneth Sciclunа

## "Aktar siegħat ta' taħriġ grazzi għall-iskema 20-20"
**- Jonathan Caruana (Futbol)**

Twieled fl-24 ta' Lulju 1986 u jaħdem bħala accounts clerk mal-Kunsill Malti għall-iSport. Beda jilgħab il-futbol mal-Hamrun Nursery sa minn eta' ta' ħames snin grazzi għall-inkoraġġiment tan-nannu tiegħu. Matul iż-żmien imbagħad ingħaqad ma' Hibernians, għamel sena misluf mal-Mosta, u reġa' kompla mal-Hibs fejn għadu jilgħab sal-lum.

Jonathan beda jittrejnja u jilgħab man-Nazzjonal mal-grupp ta' taħt l-14 –il sena, u baqa' tiela biex lagħab man-Nazzjonal ta' taħt il-21 sena, u issa ġie magħżul ukoll u qed jilgħab mat-Tim Nazzjonali Malti tal-Kbar.

Jonathan rebaħ il-kompetizzjoni F.A. Trophy flimkien mal-Hibernians fl-2007 meta għelbu lil Sliema fil-logħba finali, filwaqt li l-aktar żewġ partiti memorabbli għalih jibqgħu dawk mat-tim nazzjonali ta' taħt il-21 sena meta Malta għelbet lil Bosnia 2-1 f'logħba ta' kompetizzjoni, u lill-Isvezja b'riżultat ta' 2-1 f'logħba ta' ħbiberija.

Grazzi għall-iskema imnedija mill-Gvern u l-KMS, Jonathan jittrejnja bħala atleta nazzjonali fil-ħin tax-xogħol madwar 11 -il siegħa fil-ġimgħa: nhar ta' Tnejn u l-Erbgħa mit-8am sas-1pm; filwaqt li t-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa jibda jittrejnja fl-4pm b'permess biex jitlaq nofs siegħa qabel mix-xogħol. Dan kollu bl-għan li jtejjeb l-wirjiet u r-riżultati tiegħu.

## "L-iskema 20-20 tgħinek ittejjeb il-wirjiet u r-riżultati tiegħek"
**- Kenneth Sciclunа**

Twieled fil-15 ta' Ġunju 1979, jaħdem bħala għalliem tas-saħħa u s-sigurta' (peripathetic) fi ħdan id-Direttorat tas-Servizzi Edukattivi, u bħalissa qiegħed ukoll jistudja għal ċertifikat MSc (part-time) ma' l-Universita ta' Nottingham Trent.

Mil-lat sportiv Kenneth hu footballer mat-tim nazzjonali Malti. Kenneth beda jilgħab il-futbol ma' Luqa nursery u mbagħad kompla ma' Luqa FC, Qormi FC, St. Patrick's, Birkirkara, u Valletta. Kenneth issejjaħ mat-tim nazzjonali fit-tim ta' taħt il-21 sena u baqa' dejjem jissejjaħ mat-timijiet nazzjonali. Fil-karriera sportiva tiegħu, Kenneth rebaħ il-kampjonat tliet darbiet (darbtejn ma' Birkirkara u darba ma' Valletta), l-FA Trophy tliet darbiet ma' Birkirkara, u s-Super Cup sitt darbiet (ħames darbiet ma' Birkirkara u darba ma' Valletta). Ta' importanza wkoll għal Kenneth kienet l-okkażjoni meta hu u sħabu fit-team ta' Birkirkara għaddew mill-ewwel round tat-Tazza UEFA wara li lagħbu kontra Dinamo Tbilisi.

Mitlub jitkellem waqt l-esperjenza tiegħu mat-timijiet nazzjonali, Kenneth għandu għal qalbu ukoll xi logħbiet memorabbli fosthom: partita ta' kompetizzjoni taħt il-21 sena Malta 5 - Macedonia 1; Tim Nazzjonali: Malta 1 – Kroazja 1, Malta 2 - Turkija 2, Malta 2 – Ungerija 1, Moldova 1- Malta 1.

Grazzi għall-iskema imnedija mill-Gvern u l-KMS, Kenneth jitħarreġ seba' siegħat fil-ġimgħa bħala atleta nazzjonali bl-għan li jtejjeb l-wirjiet u r-riżultati tiegħu.




challenge 8000

Ix-xabbatur
Marco Cremona



F'Marzu li għadda, grupp ta' 3 xabbaturi Maltin ħabbru li se jippruvaw jitilgħu l-muntanja Everest għall-ewwel darba fl-istorja sportiva ta' Malta. Il-proġett issejjaħ 'challenge8000' b'riferenza għall-elevazzjoni taż-żewġ muntanji prinċipali li l-proġett jinkludi, jiġifieri l-muntanja Cho Oyu, is-sitt l-ogħola muntanja fid-dinja, u l-muntanja Everest, l-ogħola muntanja fid-dinja, li t-tnejn li huma jitilgħu 'il fuq minn 8,000 metru.

Ix-xabbaturi huma Marco Cremona, Robert Gatt u Gregory Attard u huma għażlu li matul l-2009 u l-2010, barra mill-preparamenti neċessarji biex isaħħu r-riżorsi tagħhom, se jkunu qed jagħmlu ħilithom biex iżidu l-għarfien dwar l-importanza t'arja nadifa f'pajjiżna.

Dan l-impenn lejn is-soċjeta' ittieħed għaliex l-Asthma u problemi respiratorji simili huma fost l-aktar problemi tas-saħħa komuni fil-gżejjer Maltin, problemi li spiss jikkawżaw inkonvenjent kbir għall individwi milquta kif ukoll jirriżultaw f'piżijiet finanzjarji konsiderevoli għall-pajjiż. Barra minn hekk, id-diffikultajiet respiratorji huma biss parti minn għadd ta' problemi li x-xabbaturi se jkollhom jaffaċċjaw fuq il-muntanji fejn aktar ma titla' 'l fuq l-ossiġnu jonqos drastikament.

Il-muntanji li t-tim ta' challenge8000 għażel jitolbu ħafna stamina kemm fiżika kif ukoll mentali. L-ispedizzjonijiet jitolbu li x-xabbaturi jgħixu f'ambjent estrem b'temperaturi li jinżlu sa 50 grad taħt iz-zero, b'irjieħ qawwija u bla kumditajiet tal-ħajja ta' kuljum għal madwar għaxar ġimgħat fejn kontinwament ikunu qed jissograw ħajjithom. Il-periklu huwa kbir daqs kemm hija kbira l-ambizzjoni li jkunu l-ewwel Maltin li telgħu fuq l-ogħla quċċata tad-dinja.

Fil-ġimgħat li ġejjin it-tim se jkun impenjat f'diversi spedizzjonijiet oħra bi preparament għall-Cho Oyu f'Settembru li ġej. Dawn l-ispedizzjonijiet żgħar jinkludu l-muntanja Etna fi Sqallija, tixbit f'Chamonix, Franza, u Lake District fin-naħa ta' fuq ta' l Ingilterra.

Il-Kunsill Malti għall-iSport qiegħed ukoll jappoġġja u jgħin f'din l-inizjattiva kemm billi joffri 3 memberships għaċ-Ċentru tal-Fitness f'Tal-Qroqq għat-taħriġ fiżiku tagħhom, kif ukoll fondi għall-ħlas ta' diversi eżamijiet mediċi li l-atleti jagħmlu b'mod regolari u li jgħinu biex jiggwidawhom fuq il-kundizjoni fiżika tagħhom (partikolarment l-andament kardjovaskulari) u kif din qet titjieb bit-taħriġ. L-ewwel riżultati jindikaw progress sinifikanti.

Challenge8000 diġa ġie rikonoxxut minn diversi entitajiet uffiċjali inklużi l-President ta' Malta l-E.T. Dr. George Abela, is-Segretarjat għaż-Żgħażagħ u Sport u l-British High Commission. Barra dan, challenge8000 bħalissa qed jissieħeb ma' diversi kumpaniji prestiġġjużi li se jkunu qed joffru l-appoġġ finanzjarju tagħhom għal din l-isfida storika.

Aktar dettalji jinstabu fuq www.challenge8000.net jew billi tikteb lil team@challenge8000.net. Challenge8000 jinstab ukoll fuq in-network ta' Malta f'Facebook.

# KMS Sport Promotion Unit

## Touch Rugby Festival

Nhar l-Erbgħa 29 t'April 2009 sar festival tat-touch rugby għat-tfal tal-ħames sena tal-iskejjel primarji. Dan il-festival ġie organizzat mill-iSport Promotion Unit bl-għajnuna tal-Malta Rugby Football Union. 240 tifel u tifla ħadu sehem minn 12-il skola. Dan il-festival kellu format differenti minn dak tas-soltu. It-tfal ġew imqassma f'timijiet b'tali mod li kulħadd jilgħab u ma jkunx hemm sostituti. Kull tim ġie ffurmat dakinhar stess minn tfal ta'skejjel differenti. Għaldaqstant, l-istudenti kellhom opportunità li jagħmlu ħbiberiji ġodda ma' studenti minn skejjel oħrajn. L-istudenti infushom kienu l-uffiċċjali inkarigati mill-ħarsien tar-regoli. F'dan il-festival intlagħbu total ta' 40 logħba fuq 4 pitches li fihom ħareġ it-talent ta' numru ta' tfal f'din il-logħba. Ġew skurjati aktar minn 500 try u dan juri l-livell tajjeb ta' logħob li lagħbu dawn it-tfal.

Kien interessanti wieħed jara b'liema mod għaqli dawn l-istudenti li bilkemm għandhom għaxar snin jipparteċipaw f'dan l-avveniment b'tant entużjażmu u maturità sportiva, filwaqt li ħaddnu prinċipji ġenwini tal-isport. Wieħed seta' jinnota li t-tfal ma kellhom l-ebda pressjoni għar-rebħ, bil-konsegwenza li naqas l-element kompetittiv. L-istudenti tħallew igawdu l-logħba u kienu wkoll kapaċi jilagħbu logħob pjaċevoli kif ukoll spettakolari. Ma kienx hemm telliefa għax kull min ħa pjaċir ġie meqjus bħala r-rebbieħ. Ta' min jgħid li dan l-esperiment jista' jitqies li rnexxa u għaldqastant wieħed jikkonsidra sistema simili fl-attivitajiet fil-futur.

## Handball Festival

Nhar l-Erbgħa 22 t'April 2009 l-iSport Promotion Unit flimkien mal-Malta Handball Association organizzaw festival tal-handball għal studenti tas-sekondarji fl-ewwel u t-tieni sena. Fis-sezzjoni tas-subien ħadu sehem ħames skejjel fejn ħarġet rebbieħa l-iskola sekondarja tal-Gżira. Fis-sezzjoni tal-bniet spikkaw il-bniet mill-iskola Carlo Diacono taż-Żejtun. Il-parteċipanti kollha ngħataw numru ta' blalen tal-handball sabiex jintużaw fl-iskejjel.

## Futsal Festival

Fit-28 ta' April sar l-aħħar avvenitment relatat mal-futsal għal din is-sena meta saru l-finali tal-iskejjel sekondarji. Total ta' 3 skejjel sekondarji tal-bniet u 9 skejjel tas-subien ipparteċipaw f'din l-attivita'.

Fost it-timjiet tal-bniet kien hemm taqtigħa sportiva mill-isbaħ bejn l-iskola Sekondarja tal-bniet taż-Żejtun mill-Kulleġġ St Thomas More u l-iskola Maria Assunta tal-Ħamrun mill-istess Kulleġġ. Wara li tilfu l-ewwel logħba tagħhom, il-bniet ta' Maria Assunta għamlu kull sforz biex rebħu kull logħba u saħansitra rebħu din il-kompetizzjoni. Ta' min jgħid li l-istess skola rebħet ukoll l-unur għall-aħjar support. Premju importanti ħafna kien dak tal-Fair Play li ingħata lill-iskola sekondarja tal-bniet Erin Serracino Inglott fi ħdan il-Kulleġġ Santa Margerita għall ġieh li taw lil-logħba u kif ukoll għall-wirjiet qalbiena li wrew f'kull logħba.



kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt





Futsal


Handball


Volleyball


Rugby

## Volleyball Festival

It-tieni volleyball festival għall-forms 1 u 2 kien organizzat nhar il-Ħamis 2 ta' April 2009 mill-Malta Volleyball Association bil-kollaborazzjoni ta' KMS Sport Promotion Unit. Dan kien l-aħħar festival wara li kienu organizzati tliet attivitajiet oħra għall-kull Form, minn 1 sa 5, matul is-sena skolastika. Għal dan il-festival kien hemm madwar ħamsin parteċipant minn ħames skejjel differenti. Dawn iffurmaw ħames timijiet tas-subien u tlett timijiet tal-bniet. Il-logħob intlgħab fuq sistema ta' 4 kontra 4 u b'kollox intlgħabu 16-il logħba.

It-tournaments tal-ġurnata intrebħu minn St. Edward's College għas-subien u minn St. Benedict College (St.Lucia GJL) għall-bniet. L-overall cups intrebħu minn St.Margaret College (Fortini BSS) u minn St. Benedict College (St. Lucia GJL) wara li ingħaddu l-punti mirbuħa mit-timijiet kollha li ħadu sehem fiż-żewġ tournaments tal-forms 1 u 2.

Il-Malta Volleyball Association tixtieq tirringrazzja kemm lil SPU kif ukoll lill-iskejjel kollha, studenti u għalliema, li attendew fl-erba' festivals li ġew organizzati.

# Kellogg's Special K extends promotion at Lotus SPA Gym for the benefit of Aerobics Classes

## *Cereal bar range continues to fuel regular exercise regime*

KelloggÐs have extended their Special K sponsorship arrangement at the Lotus Spa Gym at Le Méridien St.Julians Hotel & Spa for a further month, ensuring that the benefits gained by patrons of the hotel and gym members can continue.

Last month the focus of this article was on some of the 11 different exercise regimes that are intended to produce results in specific areas. This is being continued this month in order to give the complete rundown of the weekly programme. For those who want a good workout that burns serious calories, Spinning is an aerobic exercise routine held on a specially designed stationary bicycle. As you pedal spinning bike, motivating music plays and the instructor talks you through a visualisation of an outdoor cycling workout. During the two classes, held on Tuesday and Friday evenings, you vary your pace – sometimes pedalling as fast as you can; at other times cranking up the tension and pedalling slowly from a standing position. This helps you to focus inwardly and work on your mind as well as your body. Spinning burns about 450 calories in 45 minutes and offers an awesome aerobic workout that makes your heart pump fast. It also tones your quadriceps (front thigh muscles) and outer thigh muscles. Because you stay in one place with the same basic movement throughout, Spinning doesn't involve a lot of co-ordination; it's easier to concentrate on your form. And although you follow the general instructions of the spinning teacher, you are in control when it comes to your pace. You can finish a spin class, regardless of your fitness level, simply by adjusting your pace or the tension knob on the bike.





The Abs Tone workout held on Wednesday evenings targets the abdominals and back to strengthen and define your torso… enabling you to get the six-pack you want!

Similarly, the Abs & Pump session on Thursday mornings and the Body Pump session on Friday evenings adds an element of toning and conditioning to your workout specifically for those of you who want to add a bit of strength training.

It is also great for those of you who are starting out in weight training as it will teach you some great exercises and how to get the correct technique.

Last but not least, on Thursday evenings there is the Pilates session, a form of exercise that emphasizes the balanced development of the body through core strength, flexibility, and awareness in order to support efficient, graceful movement.

According to Ruth Spiteri, Lotus Gym manager, the programme laid on has been well received and the individual instructors interacted with each class to ensure the participants obtained the best results.

The Kellogg's Special K promotion for healthy living continues to be well received. Kellogg's Special K cereal bars contain just 90 calories per bar and now, with 50% more fruit, they are even tastier to help satisfy a snack craving without guilt.

"It is important for anyone doing exercise, even those wishing to lose weight, to maintain a healthy nutrition and Kellogg's Special K cereal bars are the right snack option," a Kellogg's spokesperson said. "We are pleased to continue our relationship with Lotus Spa Gym for the third month and to see that members and patrons enjoy their routine exercise and our Special K cereals."

### COMPETITION

Win 3 months membership at the Lotus SPA Gym

**Answer correctly to the question below and you can win a 3 month membership card:**

What does the ABS Tone Workout target?

*Send your answer by email to sportivmalta@yahoo.com by the 20th of July 2009.*

The winner will be contacted by return email.

Winner for the May Issue of Sportiv is Jesmond Grech - San Gwann

Le MERIDIEN
ST. JULIANS HOTEL & SPA

Le Méridien St Julians Hotel + Spa 39, Main Street, Balluta Bay, St Julians, Malta STJ1017
T - (356) 2311 0000 W – lemeridienmalta.com Room reservations at reslmsj@lemeridien.com

Gvern ta' Malta
Diviżjoni Regolazzjoni Saħħa Pubblika
Ministeru għall-Politika Soċjali

Dipartiment għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard
5A, The Emporium, Triq C. De Brocktorff, Msida MSD 1421 Malta.
Tel: 2326 6000, Fax: 2326 6104, www.sahha.gov.mt

# Water for life

Dr. Charmaine Gauci MD, MSc, PhD, FRSPH
Director Health Promotion and Disease Prevention



You probably already know that it's very important to drink enough water. Water is the second most important thing that our body needs to survive, oxygen being the first. The body could survive for some time without food, but deprive it of water and it would only last a few days. Virtually every job that the body performs requires water. It would seem then, pretty logical that a health benefit of water would be to drink it!

Here are only a few of the health benefits of water:

- Water is required for digestion and absorption of food
- Water is needed to regulate body temperature and blood circulation
- Water in the bloodstream carries nutrients and oxygen to cells
- Water is necessary for the kidneys to remove toxins and other wastes

A minimum of eight glasses of water a day is recommended. You should aim for more if it is really hot, or you are working out and sweating a lot. Getting enough water in your body will prevent you from getting dehydrated. The early signs of dehydration are increased thirst, dry mouth, sticky saliva and reduced urine output with dark yellow urine. You may also experience a lack of energy and a headache. It is hard sometimes to drink that much water; especially when sodas and coffee tempt us. However, to stay healthy and feel great, we should strive to drink those eight glasses of water a day. Here are a few tips to help you remember to drink water, and to make it a little more pleasant or interesting.

**1. Keep a Log**

This can be as simple as a little piece of paper on the fridge, or a page in your day planner. Just make a little checkmark, or dash on the piece of paper every time you drink a glass of water. The log will help you keep track of how much water you have had in any given day. You'll also be surprised how motivating it is to try to get those eight little checkmarks on there every day. Another idea would be to use little stickers instead.

**2. Add Some Lemon Juice**

Add a little flavour by adding a teaspoon or less of lemon to your water. You can also try some other fruit juices without added sugar. Just make sure you are still drinking mainly water.

**3. Drink Some Water When You Feel Hungry**

Unfortunately many of us have gotten so out of tune with our bodies that we feel hungry when we are actually thirsty. If you feel hungry, try drinking a glass of water first. You may just be thirsty.

**5. Carry A Water Bottle**

It's much easier to drink water when you have it readily available. Carry a bottle of water around with you in the car, at work, while running errands, in the yard, and even while you are working around the house. You'll be sipping away the water without even noticing it.

**6. Drink More If You Are Working Out**

Make sure you drink a few extra glasses of water if you work out, or if you spend some time outside while it's hot. Your body uses and needs more water when it sweats a lot. So don't forget to fill back up on water during and after your exercise.

Just pay attention to how much you drink and implement some of these ideas if you don't get the recommended eight glasses of water a day. Your body will thank you for it in the long run.




EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops

# Spot the ball u irbaħ

## Kit ta' Floriana F.C.



Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-20 ta' Lulju 2009.

Kompetizzjoni Spot the Ball, 'Bapu', Triq is-Sejjieħ, Swieqi. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata Kit ta' Marsaxlokk F.C. ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru.26

**Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 26 huwa: Karl Carabott - Marsaxlokk**



# SPORTIV Kriss-Kross



IRBAĦ WESTIN WEEKEND BREAK

THE WESTIN DRAGONARA RESORT Malta

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-20 ta' Lulju 2009: **Kompetizzjoni Sportiv, 'Bapu', Triq is-Sejjieħ, Swieqi.**

Flimkien mat-tweġibiet trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 26




Ir-rebbieħ tal-Westin Weekend Break tal-Ħarġa Nru. 26 ta' Mejju 2009 hija: Doreen Pace (Żurrieq)

**MIMDUDIN**

7) Fil-preżent hija l-aqwa plejer tal-futbol mara fid-dinja (5)
8) Oxford-........., tiġrija tad-dgħajjes famuża fl-Ingilterra (9)
9) Il-masseur ta' dari - "barmil bl-.... u sponża" (4)
10) "...... Gala", serata ta' Atletika Internazzjonali (6)
12) Il-ħamiem hawn jidħol fi tmiem it-tiġrija (4)
13) Minn UEFA Cup għal "...... League" (6)
15) Royal Malta Golf Club (1,1,1,1)
17) Yannick, eks tennista Franċiż (4)
21) Dan jintlgħab darba "home" u darba "away" (3)
23) Vassallo, minn ma' Floriana FC għall-Awstralja (6)
24) Charles, il-mibki fotografu tal-iSports (4)
25) Theobald tal-Futbol, Guerrero tar-Wrestling (5)
28) Glenn, żiemel tal-Klassi Copper fil-Marsa (5)
29) Opra tal-baħar żgħira użata fit-tlielaq (6)
30) ".... of Malta Cup", kienet popolari fil-Futbol Malti (4)
32) Muscat, goalkeeper taċ-Champions Hibernians F.C. (5)
33) L-istadju finali fil-kompetizzjonijiet tal-iSparar (7)

**WEQFIN**

1) Pisani, reeree tal-Premier Malti (7)
2) It-"Table Football" magħrufa wkoll hekk (8)
3) Dak li jieħu ħsieb il-fiżika f'tim sportiv (7)
4) ".......-Up", qabel l-avveniment sportiv (7)
5) "Sal-......", programm taż-żwiemel fuq it-TV (6)
6) GONG 'stunat' fl-attakk ta' Liverpool F.C. (4)
7) Il-lasta fl-isports - tnejn weqfin u waħda ....... (7)
11) Il-laqam u kulur Olandiż tal-Futbol (6)
14) Il-ballun tar-Rugby mhux tond (5)
16) Roger, lagħab fi tliet World Cups għall-Kamerun (5)
18) Father ....., monument tal-Futbol Malti (6)
19) Games for Small States of Europe (1,1,1,1)
20) Joe, eks-footballer ta' Sliema Wanderers F.C. (4)
22) Il-Park fejn jilgĦabu Everton F.C. (8)
26) Charlie "....." Micallef, eks-footballer ta' Hibernians F.C.(5)
27) Il-"Play" mingħajr "...." ma tiswa xejn (4)
28) Mhux "away" (4)
31) Jose' Mourinho - "The Special ..." (3)

Summer Themed Nights at

# The Terrace Restaurant



MONDAY

Mediterranean Night - €27.95



TUESDAY strolling musicians in attendance

Maltese Night - €27.95



WEDNESDAY 3 piece band in attendance

Midweek BBQ - €27.95



THURSDAY

Continental Night - €27.95



FRIDAY violinist in attendance

Italian Night - €27.95



SATURDAY 3 piece band in attendance

Grand BBQ - €29.75



SUNDAY including wine & water

Wellness Day Lunch - €24.50
Dinner - €27.95

**THE WESTIN**
**DRAGONARA**
**RESORT**
**MALTA**

Please call on 2138 1000 to reserve your table
or email westin.dragonara@westin.com
Free Parking will be offered to all Patrons
and Kids up to 12 years pay only half price.

www.westinmalta.com


GRILL & WIN WITH
HEINZ TOMATO KETCHUP
HEINZ MAYONNAISE
HEINZ BBQ sauce
HP BBQ
LEA & PERRINS WORCESTERSHIRE SAUCE
HP SAUCE
15% OFF HEINZ® & HP BBQ 3 PACKS
+YOU CAN WIN AN AFRICAN SAFARI TRIP FOR 2*
Also 20 BBQ sets to be won!
*Terms & Conditions Apply
FREE Entry ticket with every pack